**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 30 ta' Jannar, 2019**

**Rikors nru: 480/07 AGV**

AC f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' bintha DC u b'digriet tas-27 t'Ottubru, 2017 l-istess AC rrivertiet ghall-kunjom xbubitha cioe' "E"
Vs
BC

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fis-7 ta' Dicembru, 2007 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu f'Malta fis-27 ta'Awissu, 1994 u kellhom tifla unika D li ghadha minorenni, imwielda fit-23 ta' Gunju, 1994.
2. Illi l-hajja mizzewwga bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci, mohqrija u ingurji gravi kommessi kontriha mill-konvenut, li *inter alia*

jammontaw ghall-vjolenza domestika u fastidju u minhabba li tkissret irrevokabilment kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

3. Illi l-esponenti ghal dawn ir-ragunijiet, l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tipprocedi f'din l-istanza wara li tterminaw il-proceduri ta' medjazzjoni skond il-ligi (Dok.A).
4. Illi r-rikorrenti kellha tallontana ruhha mid-dar matrimonjali *pendente lite* ghall-ahjar protezzjoni taghha u ta' bintha.
5. Illi l-esponenti soffriet vjolenza fizika u morali minn naha tal-konvenut tul il-hajja mizzewwga u nghatat kenn mill-Agenzija Appogg. Kellha tirrikorri ripetutament ghall-proceduri kriminali u zewgha instab hati u gie marbut b'garanziji li, izda baqa' jinjorahom sakemm l-esponenti ma setghetx taghmel mod iehor u kellha titlaq bit-tifla.
6. Illi kien hemm incidenti ta' theddid mill-intimat anke waqt il-perjodu ta' separazzjoni *de facto* u anke fil-konfront tal-familjari taghha, ta' ghalliema tat-tifla u tas-social workers involuti fil-kaz u ta' persuni ohra li kienu qed jghinu lir-rikorrenti.
7. Illi zewgha kien ukoll qed jigi segwit minn psikjatra kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.
8. Illi ma hemmx lok ta'rikonciljazzjoni u ghalhekk qed issir din il-kawza bl-ispejjez.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi ighid il-konvenut il-ghaliex:-

1.M'ghandhiex tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi C minhabba sevizzi, eccessi, minacci, mohqrija u ingurji gravi li l-konvenut ikkommetta kontra martu l-attrici, li inter alia jammontaw ghall-vjolenza domestika u fastidju jew minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment;

2. M'ghandhiex l-attrici tigi fdata bil-kura u kustodja tal-minuri DC, salv l-access tal-konvenut skond l-ahjar interess u protezzjoni tat-tifla u tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, wara s-smiegh tal-minuri sabiex jigu rispettati ix-xewqat taghha.

3. M'ghandux l-imsemmi konvenut jigi kkundannat li jhallas lill-attrici ghal binthom minuri dik ir-retta alimentari lilha dovuta skond il-ligi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda skond l-gholi tal-hajja u t-tnaqqis mill-paga tal-konvenut, li ghandhom jigu ffissati minn din il-Qorti u b'rizerva ghall-jedd tal-istess attrici li titlob manteniment ghaliha stante li presenzjalment tahdem, liema manteniment ghandu jigi likwidat b'lura mid-data tas-separazzjoni *de facto* tal-partijiet, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

4. M'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tillikwida retta alimentarja perjodika ghall-esponenti *in toto* jew *in parte*, tillikwida somma kapitali u/jew tassenja proprjeta' immobiljari lill-attrici bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 54 tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. M'ghandhomx jigu applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51 u 53 tal-Kodici Civili (1984 ed) in toto jew in parte;

6. M'ghandhiex din il-Qorti tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida il-beni formanti parti l-istess komunjoni okkorendo b'opera ta' perit nominand u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att u billi tinkludi fis-sehem spettanti lill-attrici sehem il-konvenut mid-dar matrimonjali tal-partijiet;

7. M'ghandhiex din il-Qorti tawtorizza lill-attrici li tabita fid-dar matrimonjali bl-isem 21/1 Triq il-Quangnar 1979, Qormi, ad eskluzjoni tal-konvenut u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop inkluz terminu sabiex l-istess intimat jivvaka mill-istess dar.

Bl-ispejjez – komprizi dawk tal-proceduri inkorsi fl-istadju ta' medjazzjoni - kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat li eccepixxa illi:-

1. Illi l-intimat jaqbel illi l-hajja matrimonjali tkissret irrimedjabilment, izda dan minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-attrici;
2. Illi l-intimat jirrespingi bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet kif dedotti mill-attrici cioe' illi huwa kien uza xi tip ta' sevizzi, minacci, ingurji gravi li jammontaw ghal xi tip ta' vjolenza domestika jew fastidji stante li dawn qatt ma sehhew.
3. Illi r-rikorrenti f'dawn il-proceduri allontanat ruhha mid-dar matrimonjali mhux ghal xi ragunijiet ta' sigurta' kif allegat hi fir-rikors taghha, izda sabiex tissodisfa l-hajja adultera taghha kif inhi manifestata llum stante illi l-attrici tinstab fi stadju avvanzat ta' tqala, li certament mhux mill-intimat zewgha.

4. Illi l-attrici uzat lill-Agenzija Appogg ghall-skopijiet unikament estranji minn dawk dwar vjolenza jew theddid u l-akkuzi mahruga kontra l-intimat zewgha huwa gie lliberat minnhom u dawn kienu akkuzi mahsuba sabiex jivessawh ripetutament.
5. Illi inversament kien l-intimat illi rcieva diversi messaggi ta' theddid u provokazzjoni mill-attrici.
6. Illi l-intimat jirrileva illi martu cioe' l-attrici, sahansitra rrikorriet ghal mezzi viljakki billi ghamlet tentattiv sabiex l-intimat zewgha jkun ezaminat minn psikjatra u dan meta huwa dejjem agixxa ta' missier ezemplari u jinsab impjegat fl-istess socjeta' fejn tahdem l-attrici stess sal-gurnata ta' llum.
7. Illi l-attrici ddekadiet mid-dritt ta' manteniment stante illi kkomettiet adulterju flagrante kif ukoll peress li hija tahdem.
8. Illi l-intimat jaqbel illi konsiderando l-fatti kif ser jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza, m'hemmx lok ghar-rikonciljazzjoni.
9. Illi rigward it-tieni talba, l-intimat jirrespingi t-talba illi l-attrici jkollha l-kura u kustodja tal-minuri DC u dan stante illi l-attrici qieghda tabita flimkien mas-sieheb taghha ta' nazzjonalita straniera, li minnu qed tistenna tarbija.
10. Illi rigward it-tielet talba attrici, l-intimat filwaqt li jaqbel li jaghti manteniment lill-bintu minuri D, jirrespingi xi talba ghall-manteniment ghaliha.
11. Illi rigward ir-raba' u l-hames talbiet attrici, dawn ghandhom jigu respinti u michuda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 48 et sequitur jkunu applikati kontra l-attrici.
12. Illi rigward is-sitt talba l-eccipjent ma jopponix ruhu ghad-dikjarazzjoni ta' xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, izda in vista tas-seba' eccezzjoni ssollevata mill-intimat u l-kontro-talba li qed tigi pprezentata kontestwalment ma' din ir-risposta, mhux talli l-komunjoni m'ghandhiex tigi likwidata kollha favur l-attrici, izda talli din ghandha tigi likwidata u maqsuma f'zewg porzjonijiet u assenjata lill kull wiehed mill-partijiet bl-applikazzjoni kontra l-attrici tad-disposizzjonijiet kontenuti fl-Artikolu 48 et seq tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.
13. Illi rigward is-seba' talba attrici, l-intimat jirrispingiha bil-qawwa kollha u dan stante illi kienet l-attrici stess illi abbandunat il-fond matrimonjali, sabiex tkun tista' tabita flimkien mas-sieheb taghha, filwaqt li fil-prezent, l-eccipjent jinsab fil-fond matrimonjali cioe' 21/1, Triq l-Gharghar, 1979, Qormi.
14. Illi l-ispejjes komprizi dawk fl-istadju tal-medjazzjoni ghandhom jigu sopportati unikament mill-attrici.

15. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro-talba tal-intimat li ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Ill il-kontendenti zzewwgu fis-27 ta' Awissu, 1994 u li kellhom tifla, D li ghadha minorenni, li twieldet fit-23 ta' Gunju, 1994.
2. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, vjolenza morali u verbali, minacci, ingurji gravi kif ukoll adultejru flagranti kommessi mill-attrici rikonvenuta kontra l-konvenut rikonvenjenti u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment, kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza.
3. Illi l-intimat ilu mcahhad mill-access ta' bintu D ghal aktar minn sena u dan wara li l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali flimkien mat-tifla minuri D u marret tirrisjedi f'residenza alternattiva flimkien mas-sieheb taghha filwaqt li l-intimat baqa' sallum il-gurnata ighix wahdu fil-fond matrimonjali u dan stante l-fatt li l-genituri tieghu huma mejta.
4. Illi sussegwentement wara li l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali, hija kellha relazzjoni ma' persuna ohra, mhux l-intimat zewgha u li minnha hija qed tistenna tarbija stante illi hija tinsab fi stadju avvanzat ta' tqala.
5. Illi l-attrici rrikorriet ghas-servizzi tal-Agenzija Appogg, unikament ghall-ghanijiet pwerili u illi hija tinsab tabita mas-sieheb taghha li minnu ghandha relazzjoni u qed tistenna tarbija, u li huwa qatt ma kien kagun ta' abbandun jew eccessi li minnhom l-attrici setghet kellha bzonn din l-Agenzija Appogg.
6. Illi l-intimat jaqbel illi huwa jaghti manteniment lil bintu minuri D kif inhu dovut u kif dejjem huwa hekk aderixxa mal-ordni tal-Onorabbli Qorti, liema manteniment ikun jirrifletti l-ahjar interess tal-minuri kif ukoll l-istat u okkupazzjoni li jkun jinsab fiha l-intimat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-intimat jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportun u ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi C minhabba adulterju flagranti, eccessi u vjolenza mentali u morali u ingurji gravi li l-imsemmija attrici

rikonvenuta kkommettiet kontra zewgha l-konvenut rikonvenjent u minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;

2. Tordna lil istess attrici rikonvenuta thallas lill-konvenut rikonvenjenti manteniment, li joghgobha tiffissa dina l-Qorti skond il-bzonnijiet tal-konvenut rikonvenjent, tenut kont tal-mezzi tal-attrici rikonvenuta, bil-modalita' ta' hin, lok u gurnata ta' pagament li tigi ukoll stabbilita inkluz provvedimenti ghaz-zieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-awment fl-gholi tal-hajja.
3. Tapplika kontra l-attrici rikonvenuta l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 18 et seq tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta fis-shih jew parzjalment b'dan illi jekk ikun il-kaz, l-attrici rikonvenuta titlef kull jedd li ghandha ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru bil-hila tal-konvenut rikonvenjent u dan mid-data li tigi stabbilita minn dina l-Qorti bhala data meta l-attrici rikonvenuta tat lok li ssir dina s-separazzjoni.
4. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b'opera ta' periti nominandi.
5. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'zewgt porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u li tkun tirrifletti l-adulterju manifest li kkomettiet l-attrici rikonvenuta waqt iz-zwieg bejn il-kontendenti.
6. Takkorda l-kura u kustodja tal-bint minuri lill-intimat tali illi DC tkun tabita mal-istess intimat missierha fil-fond matrimonjali jew bhala lok alternattiv waqt illi huwa jkun ix-xoghol, ma' zijtu FG cioe' gewwa 1, Sqaq Numru 4, Triq il-Wied, Qormi.
7. Fin-nuqqas takkorda access liberu tal-minuri D lill-intimat u dan minghajr supervizjoni, tenut kont tal-fatt illi s-sitwazzjoni prezenti kif ilha diversi xhur ossia sena, hija wahda fejn l-attrici rikonvenjenti tghix flimkien mas-sieheb taghha flimkien mal-minuri D f'residenza li mhix dik matrimonjali.
8. Tawtorizza lill-intimat li jghix eskluzzivament fid-dar konjugali, cioe' 21/1, triq l-Gharghar, Qormi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li tibqa' ngunta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tar-rikorrenti ghall-kontro-talba tal-intimat li eccepixxa illi:-

1. Illi l-esponenti taqbel illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak irrimedjabilment izda mhux minhabba tortijiet imputabbli lilha u taghmel referenza shiha ghar-rikors guramentat taghha fuq premessa.

2. Illi l-konvenut hu hati ta' mohqrija, sevizzi u eccessi fil-konfront taghha u anke fil-konfront ta' binthom D kif jirrizulta ukoll mir-rapporti tas-social workers addetti ghall-kawza tal-partijiet. Minkejja l-hrug ta' ordnijiet kontrih kemm mill-Qrati kriminali kif ukoll minn din l-Onorabbli Qorti li, sahansitra fl-istadju ta' medjazzjoni harget ordnijiet ghall-ahjar protezzjoni tal-esponenti u tat-tifla, xorta wahda l-istess konvenut baqa' jinjora dawn l-ordnijiet.
3. Illi l-konvenut kien u ghadu ta' spiss jabbuza mis-sistema telefonika b'telefonati u messaggi diretti kemm lill-esponenti kif ukoll lit-tifla. Gieli lil D, qallha kliem li "jixtieqa mejta," li "jixtieqa timrad" u li "mhix it-tifla tieghu."
4. Illi l-agir tal-intimat kellu effett hazin fuq it-tifla kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni u hija t-tifla stess li uriet ix-xewqa li ma jkollhiex ebda kuntatt ma' missierha.
5. Illi l-konvenut rikonvenzjonant qed jimmanipula l-fatti ghaliex anke l-fedina penali tieghu stess turi li kien ilu jaggredixxi lill-esponenti sa mill-bidunett taz-zwieg.
6. Illi l-esponenti tichad li hija hatja tal-firda u ghamlet minn kollox biex tghin lill-konvenut minkejja l-krudelta' u l-abbuzi tieghu, izda hu qatt ma rrikonoxxa dan il-fatt.
7. Illi l-konvenut kien u ghadu taht kura psikjatrika izda minkejja dan, xorta wahda baqa' abbuziv maghha u mat-tifla kif ukoll ma' membri ohra tal-familja taghha, mal-head teacher tal-iskola tat-tifla u sahansitra mas-social workers tal-Agenzija Appogg kif jirrizulta mill-atti tal-proceduri fl-istadju ta' medjazzjoni.
8. Illi mhux minnu li l-esponenti abbandunat id-dar konjugali. Kellha ragunijiet gusti skond il-ligi biex titlaq mid-dar.
9. Illi l-konvenut ghandu relazzjoni ma' terza persuna u ghandu jkun hati ta' adulterju apparti t-tortijiet kollha l-ohra dedotti kontrih.
10. Illi fic-cirkostanzi ukoll, hu assolutament inveritier li jallega li hi rrikorriet lejn l-Agenzija Appogg ghall-ghanijiet pwerili. Kieku kienu pwerili ma kienx jinstab hati minn diversi Magistrati u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn wehel sentenza ta' prigunerija sospiza ghal sentejn apparti garanziji ripetuti a tenur tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
11. Illi l-konvenut mhux qed jaghti manteniment xieraq ghal bintu u l-esponenti ser tiddeduci talba formali ghall-zieda fil-manteniment.
12. Illi ghalhekk l-esponenti taqbel li tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda mhux ghar-ragunijiet lilha imputabbli.
13. Illi t-tieni talba rikonvenzjonali mhix sostenibbli fil-ligi skond ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghandha tigi michuda.

14. Illi t-tielet talba rikonvenzjonali ghandha ukoll tigi michuda peress li l-esponenti ma ddekadietx minn ebda dritt spettanti lilha skond il-ligi.
15. Illi mar-raba' u mal-hames talbiet rikonvenzjonali purche' li tigi stabbilita data li minn dik id-data 'l quddiem il-konvenut jitqies li jkun iddekada minn kull jedd li ghandu jew jista' jkollu ghall-akkwisti maghmula mill-esponenti skond il-ligi.
16. Illi s-sitt talba rikonvenzjonali ghandha ukoll tigi michuda peress li dan mhux fl-ahjar interess tal-minuri kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.
17. Illi s-seba' talba attrici ghandha tigi kkunsidrata biss fid-dawl tax-xewqat tat-tifla li ser taghlaq erbatax-il sena f'Gunju, 2008.
18. Illi t-tmien talba ghandha ukoll tigi michuda.
19. Illi fic-cirkostanzi l-esponenti m'ghandhiex tbati ebda spejjes ta' dawn il-proceduri.
20. B'rizerva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni inkluzi dawk ghall-proceduri.

Rat l-atti kollha pprezentati.

Rat ir-rikors, risposti u d-digriet kollha in atti.

Rat ir-rapport tas-social worker V pprezentat fis-17 ta' Jannar, 2007.

Rat in-nota tal-intimat tad-9 ta' Frar, 2011.

Rat in-Nota tar-rikorrenti pprezentata fil-11 ta' Frar, 2013 b'diversi dokumenti annessi.

Rat is-sentenza in parte datata 26 ta' April, 2013 fejn it-talbiet ghas-separazzjoni personali gew konvertiti f'proceduri ta' divorzju skond l-Artikolu 66F tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.[1]

Rat ukoll id-digriet tat-22 ta' Novembru, 2013 fejn il-partijiet qablu li fit-talbiet tizdied talba sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tirriverti ghal kunjom xbubitha.[2]

[11] Ara fol.1060 tal-process.
[2] Ara fol.1071 tal-process.

Rat is-sentenza datata 30 ta' Ottubru, 2014 deciza mill-Qorti tal-Appell fejn id-Direttur tar-Registru Pubbliku gie ordnat jirregistra s-sentenza ta' annullament moghtija mit-Tribunal Metropolitan tal-Arcidjocesi ta' Malta fit-30 ta' Novembru, 2011 (Prot.No.08.130) u kkonfermata b'Digriet ta' Ratifika tat-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza fit-18 ta' Frar, 2013 (Prot.No. 12/34).[3]

Rat il-prospett ipprezentat mir-rikorrenti datat 11 ta' Frar, 2013.[4]

Rat il-prospett guramentat esebit mir-rikorrenti fl-20 ta' Frar, 2015.[5]

Rat is-sentenza deciza fl-14 ta' Lulju, 2011 (Rik.Nru.194/09) mill-Onor. Imhallef Anna Felice.[6]

Rat ir-rikors datat 23 ta' Ottubru, 2017 u d-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tas-27 ta' Ottubru, 2017.[7]

Rat ir-rapport tekniku redatt mill-AIC Perit Mario Cassar u pprezentat fis-16 ta' Marzu, 2018.[8]

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat ix-xhieda ta' HE li hija oht ir-rikorrenti. Tghid li kienet iltaqghet mal-intimat l-ewwel darba l-Belt, fejn ir-rikorrenti kienet qaltilha li kien jahdem maghha. Dan kien fis-sena 1992. Ghal bidu tar-relazzjoni taghhom, kienu jidhru kuntenti, imma l-intimat kien ghajjur kbir in partikolari ghall-manager tar-rikorrenti fuq il-post tax-xoghol. Kien dejjem ihedded li jekk xi hadd jaghmillu xi haga kien jaghmillu bomba jew igelldu mal-mara. Meta r-rikorrenti nghatat promozzjoni fuq ix-xoghol, spiccat li kellha tirrifjutaha peress li kien heddidha li jekk taccetta jitlaqha.

---

[3] Ara fol. 1124 tal-process.
[4] Ara fol.1040 tal-process.
[5] Ara fol. 1128 tal-process.
[6] Ara fol.1302 tal-process.
[7] Ara fol.1317 tal-process.
[8] Ara fol. 1347 tal-process.

Fl-ahhar tas-sena 1993, ir-rikorrenti saret taf li hi tqila u bezghet tghid lill-genituri taghha peress li kienu pjuttost konservattivi. Ir-rikorrenti ukoll kienet inkwietat peress li ma kinitx ilha tohrog mal-intimat ghal aktar minn sena. L-intimat minn naha l-ohra kien kuntent li kien ser ikollhom tarbija u kien sahansitra mar jiftahar fuq ix-xoghol li kien harigha tqila apposta biex ikollha tizzewwgu.

Ix-xhud tispjega illi l-intimat kien ighix ma' nanntu ghax missieru kien miet u ommu kienet telqitu meta kien ghadu zghir u fil-fatt ma kienx irid lil min isemmihielu. Tghid ukoll li kien bniedem misthi u kienet issorprendiet ruhha meta kien qal li kiser idejn nanntu, it-televizjoni u waddabha t-tarag. Ix-xhud tghid li ohtha r-rikorrenti kienet marret izur lil nanntu u skopriet li dan kollu ma kienx minnu.

Kien wara li harget tqila li l-partijiet kienu xtraw post u ddecidew li jizzewwgu. Tghid li r-rikorrenti kienet harget nofs l-ispejjes tal-post, filwaqt li l-intimat kien hareg biss mitt Euros (€100). L-intimat ma riedx tieg kbir u lanqas ma ried libsa tat-tieg u ried il-bibien tal-Knisja maghluqa. Ix-xhud tghid li ohtha kienet qaltilha li l-intimat kien ghadu ndeciz jizzewwigx jew le.

Ix-xhud tkompli tghid li binthom twieldet fit-23 ta' Gunju, 1994 u mbaghad kienu zzewwgu fis-27 ta' Awissu, 1994 u ghal ewwel kienu jidhru kuntenti. Ir-rikorrenti kienet baqghet tahdem u thalli lit-tifla minuri maz-zija tal-intimat.

Fil-Milied tas-sena 1994, ix-xhud tispjega li l-partijiet kienu ghaddew il-Milied mal-familja tar-rikorrenti, mbaghad filghaxija, wara li l-partijiet kienu rritornaw lura go darhom, kienu cemplu mill-Ghassa fejn gew informati li l-intimat kien ipprova joqtol lir-rikorrenti, li qalet li zewgha kien ipprova jixxukkjaha u jifqaghha. Minhabba f'hekk kienet marret tghix mat-tifla ghand il-genituri taghhom u kienet ghamlet xi hmistax, sakemm l-intimat kien beda jaghmel hafna xenati u li kien iddispjacih, li r-rikorrenti marret lura d-dar.

Ix-xhud tghid li wara perjodu fejn kienu jidhru kuntenti, ghall-habta tas-sena 1995, ir-rikorrenti kienet regghet telqet mid-dar ghax l-intimat kien heddidha li kien ser joqtolha u kien gera warajha b'sikkina. Ix-xhud tghid li kien ghalhekk li kienet ghenet lir-rikorrenti tigbor xi oggetti personali u kienet telqet tghix ghand in-nanna bit-tifla. Kienet marret ghandha peress li l-

genituri taghha kienu jibzghu mill-karattru vjolenti tal-intimat. Darba minnhom, tirrakkonta x-xhud, l-intimat kien lemah lir-rikorrenti fil-gallerija tad-dar ta' nannitha u peress li r-rikorrenti kienet twerwret, ix-xhud kienet libset il-hwejjeg t'ohtha biex taghmel ta' bir-ruhha li kienet hi u mhux ir-rikorrenti fil-gallerija. Tghid li l-intimat ma kienx qata' qalbu u beda jsabbat mal-bieb sakemm faqqghu u beda jigri ghal wara r-rikorrenti. Iz-zija kienet rat kollox u kienet cemplet lill-pulizija. Imbaghad ir-rikorrenti kienet regghet marret tghix ghand ommha, flimkien ma' bintha u nannitha, izda ghal darb'ohra wara hafna xenati tal-intimat kienet regghet marret lura d-dar. L-intimat kien weghdha li kien se jara psikjatra, izda ma kienx jiehu l-medicina kif suppost u tghid li ohtha kienet qaltliha li l-intimat kien ibati minn depression sa minn qabel iz-zwieg, izda ma kienx qalilha.

Ix-xhud tkompli tghid li bejn Awissu u Settembru tas-sena 1997, wara li rega' kellhom xi jghidu, I kien ghen lir-rikorrenti biex tidhol 'Dar Merhba Bik,' izda l-intimat kien igenninha ghax kien joqghod idur hemmhekk jaghmel ix-xenati. Tul dan iz-zmien, ir-rikorrenti ppruvat tkompli tahdem ukoll, imma peress li l-intimat kien jahdem fl-istess post, kien jaghmlilha hajjitha difficli, tant li kellha tiehu xi tlett xhur *unpaid leave* minhabba li bl-intimat ma setghetx tohrog. Anke biex imorru jarawha kien ikollhom imorru bil-mohbi u xi ftit drabi l-Hadd kien irnexxielhom johorguha.

Kienet damet xi erba' xhur f'Dar Merhba Bik, imbaghad regghet marret id-dar ghax l-intimat kien rega' wieghdha li kien iddispjacih talli kien ghamel u li kien ser jinbidel. Pero', ix-xhud tghid li l-intimat kien baqa' l-istess jhedded lin-nies u r-rikorrenti u anke t-tifla ma kienux jiehdu pjacir.

Ix-xhud tispjega li mbaghad l-intimat kien iffissa li qed jaqaghlu xagharu, tant li beda jmur jara l-Professur fuq hekk. L-istess kien ghamel meta ffissa li kellu *slip disc*, biex wara kollox, minkejja li kien qieghed l-isptar rrizulta li ma kellu xejn.

Ix-xhud tghid li r-rikorrenti kienet tghidilha li l-intimat kemm-il darba kien jigri warajha u anke wara t-tifla bis-sikkina u kien sahansitra jorqod bis-sikkina taht l-imhadda. Minhabba f' hekk, tispjega li hafna drabi ohtha kienet tibza' u tmur ghand ommha ghall-gurnata shiha u dan sakemm il-genituri taghha jkunu rnexxielhom jikkalmaw lill-intimat. Tghid li r-rikorrenti kienet tibza' tmur lura d-dar, izda l-genituri taghha kienu jikkonvincuha biex tmur lura.

Ix-xhud tkompli tispjega kif f'Awissu, 2006, il-partijiet kellhom glieda fuq il-kelb taghhom, li kien Syberian Huskie u dan peress li l-intimat kien jiftahar kemm kien jahqar lil dan il-kelb, tant li mbaghad wara glieda kbira fuq dan il-kelb u peress li l-intimat riedha tixhed falz f'kaz li kellu l-Qorti ghax kien hebb ghal xi hadd b'mannara, ir-rikorrenti telqet mid-dar fis-26 ta' Awissu, 2006 u marret ghand ommha. Waqt li kienet hemm, l-intimat kien imur wara l-bieb tad-dar t'ommha u kien icempel b'mod kontinwu u konsistenti. Kien jhedded lill-genituri tar-rikorrenti u kien iwahhal fihom li gieghluha titlaq. Ix-xhud tghid ukoll li t-tifla minuri tibza' hafna minn missierha u anke kien jibghatilha messaggi li kien ser joqtol lil ommha u jqattaghha bicciet. Kien ighidilha ukoll li ommha kien ser ikollha cancer f'rasha. Minhabba dan kollu, ix-xhud tippreciza li l-minuri ma tridx tara lill-missierha apparti mill-fatt li dejjem kien vjolenti u aggressiv lejn ommha.

Kien hemm argument iehor, fejn l-intimat kien nehha n-number plates mill-karozza tar-rikorrenti u meta l-istess rikorrenti ppruvat twaqqfu kien imbuttaha u bengilha. Kellhom jigu l-pulizija li spicca biex heddihom ukoll.

Sallum, ix-xhud tghid li l-intimat ghadu jcempel lir-rikorrenti jew jibghat il-messaggi biex ighidilha li kien qed idahhal in-nisa gewwa d-dar taghhom u kien anke biddel is-serratura tad-dar biex ir-rikorrenti ma tkunx tista' tidhol.

Rat l-affidavit ta' JE, omm ir-rikorrenti. Tghid li r-rikorrenti kienet iltaqghet mal-intimat il-fabbrika tad-Dowty, fejn kienu jahdmu u kien jahdem ukoll missier ir-rikorrenti. Meta A kienet qaltilhom li qed tohrog mal-intimat kienet gabitu d-dar, izda kien baqa' b'rasu baxxuta u ma kellimhomx. Kien donnu jisthi u fil-fatt ma tantx kien imur id-dar taghhom, izda kellhom gherusija qasira.

Omm ir-rikorrenti tkompli tispjega kif kienet staqsiet fuq l-intimat u ma kinitx semghet affarijiet sbieh fuqu u lanqas fuq il-familja tieghu. Tirrakkonta episodju fejn l-intimat kien qal li kien kiser idejn nanntu u li kien kisser it-televizjoni, izda meta r-rikorrenti marret ghand in-nanna rat it-television f'postu u ma ratx ksur f'idejha. Ix-xhud tghid li l-intimat kien ighix man-nanntu ghax missieru kien miet u ommu kienet abbandunatu u ma kienx irid li xi hadd isemmiha. Fil-fatt lanqas kienet attendiet ghat-tieg u tghid ix-xhud li qatt ma kienu ltaqghu maghha.

Omm ir-rikorrenti tghid li peress li l-intimat ma tantx kien imur ghandhom ma kellhiex hjiel ta' kif kienet sejra r-relazzjoni, izda darba minnhom ir-rikorrenti kienet qaltilhom li kienet tqila u tammetti li ghall-bidu kienet haditha bil-kbira, izda mbaghad meta kkalmaw kienu offrewlhom li jmorru joqoghdu maghhom, izda mbaghad maz-zmien bdiet tibza' peress li l-intimat stess kien ighid li kien vjolenti.

Fuq parir taghha, il-partijiet ma kienux izzewwgu mill-ewwel u wara li twieldet it-tarbija fit-23 ta' Gunju, 1994, kienu zzewwgu fis-27 ta' Awissu, 1994. Minkejja li A kienet riedet tieg sabih, l-intimat ma riedx u lanqas ried festi jew mistednin, lanqas familjari u fil-fatt ir-rikorrenti kienet accettat u kienu zzewwgu matul il-gimgha biex ma jkunx hemm hafna nies fil-knisja.

Omm ir-rikorrenti tkompli tispjega illi l-partijiet kienu xtraw post qabel ma zzewwgu u r-rikorrenti kienet hallset Lm5900 mis-somma u l-intimat hallas Lm100 kapparra. Ir-rimanenti Lm6000 ittiehdu bhala self mill-bank u minhabba f'hekk ir-rikorrenti kienet tahdem hafna, anke filghaxija kienet tiehu x-xoghol maghha d-dar. Ix-xhud tghid ukoll illi r-rikorrenti baqqghet tahdem anke wara li twieldet it-tarbija u tant kienet tiehu hsieb il-familja, li anke zewgha stess kien jiftahar biha.

Omm ir-rikorrenti titkellem fuq incident li sehh fil-Milied tas-sena 1994, meta l-partijiet kienu marru jieklu ghandha ghall-ikla ta' nofsinhar, imma mbaghad l-intimat ried jitlaq peress li kien ihossu skomdu ghax ma kellux relazzjoni tajba m'ommu. Tghid li kienet taf li filghaxija kienu mistiednin ghand il-girien, izda kienu rcevew telefonata mill-Ghassa ta' Hal Qormi, fejn ir-rikorrenti kienet infurmathom li Jesmond kien refa' idejh fuqha, ghax fl-ahhar minuta ddecieda li ma riedx imur ghand il-girien u beda jiggieled maghha u ppruva jdahhliha subghajha fil-plakka tad-dawl. Hi bezghet u harbet u beda jigri warajha sakemm habbtilha rasha mal-hajt u kien hemm xi nies li joqghodu hemm li semghuh.

Ix-xhud tkompli tispjega illi dakinhar stess kienu marru jigbrulha xi affarijiet personali taghha ghax kienet qed tibza' u marret tghix maghhom bir-tarbija ghal gimaghtejn shah u tul dan il-perjodu l-intimat kien kontinwament jheddidhom u joffendhom. Kien hemm okkazzjoni minnhom fejn sahansitra ta daqqa ta' sieq lill-bieb u kisser il-lukkett. Imbaghad wara gimghatejn kien rega' kkomunika mar-rikorrenti u ammetta li kien zbalja. Kienu marru ghand ta' Kana u r-rikorrenti marret lura d-dar.

Fis-sena 1995 rega' sehh incident iehor fuq xi pastizzi u ghal darb'ohra l-intimat beda jheddidha, li bezghet u r-rikorrenti riedet terga' tmur lura ghand ommha, imma x-xhud tghid li bezghet thalliha ghandha minhabba dak li ghamel id-darba precedenti l-intimat. Minflok haditha ghand ommha l-Fgura u malli l-intimat sar jaf li kienet hemmhekk kien mar u kisser il-bieb ta' omm ix-xhud, tant li kellha ccempel lir-ragel taghha u lill-pulizija. Dakinhar tispjega li l-intimat ipprova jahbat ghall-zewgha ukoll.

Minkejja li zammew lir-rikorrenti ghal xi gimgha maghhom, l-intimat kien ghal darb' ohra jibda jheddidhom, mbaghad kien jaqbad jibki u jitlob skuza u wara dan l-incident tispjega li kienu ntervjenew ta' Kana u anke I u kienu regghu rrangaw. F'Awissu, 1997, wara li r-rikorrent qalet li l-intimat kien rega' refa' idejh fuqha, I kien qalilhom li jkun ahjar li tmur Dar Merhba Bik u fil-fatt marret bit-tarbija u ghamlet xi zmien hemmhekk u fil-frattemp, l-intimat kien baqa' jheddidhom.

Ix-xhud issemmi ukoll incident iehor meta oht ir-rikorrenti kienet ghamlet il-Grizma u riedu johorgu bhala familja u kienu ghalhekk iddecidew li johorgu lir-rikorrenti u bintha, izda meta marru Dar Merhba Bik, sabu lil B li kien hebb ghal hu zewgha, ghax kienu prezenti. Tghid li r-rikorrenti lanqas xoghol ma setghet tmur. Kien hemm okkazzjoni ohra fejn l-intimat kien dahal gewwa Dar Merhba Bik u kien ta lir-rikorrenti daqqa ta' hartha ghax riedha tmur mieghu. Huma mbaghad kienu cemplu l-pulizija.

Omm ir-rikorrenti tistqarr li kien ovju li l-intimat kien ibati minn depression u kien jiffissa li ghandu problema f'xagharu jew li ghandu *slipped disc,* imbaghad kien imur jikkura ruhu ghand il-Professur u kien jispicca ma jiehux il-medicina kif suppost.

Fil-Milied tas-sena 1997 tghid li A kienet regghet irritornat lura d-dar, ghax l-intimat kien wiedgha li se jinbidel u l-istess kien gara fis-sena 2004. Imbaghad fil-bidu tas-sena 2006, ir-rikorrenti kienet qalet lix-xhud li kienet qed tibza' mill-intimat ghax ghal darb'ohra kien qed jheddidha u kien ghalhekk li kellmu lil I li kien kellem lill-intimat u kienu regghu rrangaw. Imma ftit qabel l-anniversarju tat-tieg taghhom u cioe' fis-26 ta' Awissu, 2006, ir-rikorrenti kienet qaltilha li l-intimat kien beda jigri wara t-tifla bis-sikkina ghax kien qed jakkuzaha li zzomm m'ommha. Kien anke beda jorqod bis-sikkina magenbu. Kien hemm okkazzjoni fejn kien se jifga l-kelb ghax kien barax il-hajt u spiccat f'glieda.

Wara dan l-incident ix-xhud tametti li r-rikorrenti kienet mbezza' u ma felhitx tghix hekk aktar, tant li kienet telqet ta' fuqha senduqha mat-tifla u gew ghandha. Rega' beda t-theddid mill-intimat, izda xi jumejn wara li kienet telqet ir-rikorrenti, ix-xhud tghid li kien cemplilha u gab tmien boroz suwed taz-zibel bil-hwejjeg tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti kienet halliet lill-intimat jara lill-bintu biss wara li kkalma, izda minflok harigha, hadha d-dar u beda jixrob il-whisky u kien rabat wire mas-saqaf u beda jghid lit-tifla li kien ser jitghallaq. It-tifla twerwret u cemplet lir-rikorrenti. Tghid ukoll li kien hemm okkazjoni ohra fejn kien cempel lill-minuri biex ighidilha li kien se jahraq u joqtol lir-rikorrenti u li lilha wara kien se jaqfilha fl-istitut u kienet kellimtu hi stess u kien irrepeta l-istess diskors.

Kien hemm incident gravi meta l-intimat kien inqabad inehhi l-pjanci tal-vettura tar-rikorrenti minn quddiem id-dar t'ommha *b'portable driller.* Il-partijiet spiccaw jargumentaw u l-intimat ta daqqa fl-istonku lir-rikorrenti, tant li sabbatha mal-karozza ta' zewgha. Ix-xhud tghid li ppruvaw jifirduhom u r-rikorrenti kienet dahlet fil-karozza tal-intimat u saqet. Sadanittant kienu gew il-pulizija fuq il-post u kienu gabruh peress li kien ukoll ipponta d-*drill* lejn zewgha.

Kien hemm okkazzjoni fejn kien hedded ukoll il-headmistress tal-iskola fejn kienet tattendi l-minuri.

Minhabba dawn l-incidenti, ix-xhud tametti li kellhom jinstallaw ID caller biex jevitaw it-telefonati ta' theddid li kienu jircievu minghand l-intimat.

Ix-xhud taghmel referenza ghall-incident li sehh fit-18 ta' Gunju, 2008, fejn ir-rikorrenti kienet l-Isptar u kienet se twelled. Kienet irceviet telefonata minghand K mill-Appogg li kienet infurmatha li l-intimat kien cemplilha biex ighidilha li hu jew xi hadd mill-familja tieghu kienu se jmorru jigbru lil bintu D. K kienet wissietha li kien ahjar li kieku ccempel lill-Headmistress biex din taghlaq il-grada tal-iskola u biex iccempel ukoll l-isptar biex ipoggu security mar-rikorrenti sakemm iddum hemm. L-istess K kienet ghamlet rapport lill-Pulizija u x-xhud kienet cemplet l-iskola u l-isptar. Fil-fatt dakinhar il-minuri harget mill-iskola akkumpanjata mill-pulizija u l-ghada kienu marru ukoll biex jikkonfermaw li l-minuri kienet ingabret minn xi hadd mill-familja tar-rikorrenti. Tghid ukoll li sakemm ir-rikorrenti damet l-isptar kellha zewg pulizija ghassa maghha.

Fl-ahhar ix-xhud tispicca biex tghid li l-intimat huwa bniedem instabbli b'problemi psikologici li wasslu biex ikun vjolenti ma' martu u ma' bintu, tant li din tal-ahhar lanqas ghandha interess tarah minhabba l-mod kif kien jittrattahom. Tghid li r-rikorrenti ma setghetx tkompli tghix f'din il-biza.

Rat ix-xhieda ta' LE, missier ir-rikorrenti, li jispjega li bintu kienet dahlet tahdem id-Dowty fejn kien jahdem hu u kien hemm li ltaqghet mal-intimat. Ighid li anke x-xoghol kien ikollu l-inkwiet u kien jaf peress li l-intimat kien jahdem in-naha tieghu. Kien jibda joffendi lill-Executive kemm il-darba kien iqabbdu jaghmel certu xoghol jew meta kien idahhlu xoghol ta' bil-lejl. Ighid li l-Executive kien kellmu fuq l-intimat u kemm-il darba kien jipprova jirranga s-sitwazzjoni. Wara xi zmien ighid li kienu baghtuh jahdem f'parti ohra fil-*Press Shop.*
Meta r-rikorrenti kienet qaltilhom li kienet tqila, missierha jghid li kienu haduha bil-kbira, imma mbaghad il-partijiet kienu ddecidew li jizzewwgu wara li titwieled it-tarbija. Ighid ukoll illi kien hemm kollega fuq ix-xoghol li qallu li l-intimat kien beda jghid li kien hareg lir-rikorrenti tqila biex ikun jista' jizzewwigha.

Ix-xhud jistqarr li minkejja li l-intimat kellu aktar responsabbilita' bit-twelid tat-tarbija, kien donnu dejjem jiggieled u jhedded lil xi hadd, u kemm-il darba x-xhud ighid li kien jaqbez ghalih u gieli lanqas kien ighidlu.

Ighid ukoll li dwar id-dar matrimonjali, il-partijiet kienu xtraw post u r-rikorrenti kienet harget Lm5900, filwaqt li l-intimat kien hareg Lm100. Il-bqija jghid li kienu ssellfuhom mill-bank. Ghall-ghamara kienu gemmghu xi flus ghar-rikorrenti u meta riedet tarma l-post kienet talbitu l-flus u r-rikorrenti kienet taghthom lill-intimat u x-xhud ighid li sar jaf li l-intimat kien mar jiftahar li kellu hafna flus u li kien ser ihallas l-ghamara kollha hu. Missier ir-rikorrent ighid li kien gibdilha l-attenzjoni, izda hi kienet tafdah u ma tatx kaz. Minkejja dan ighid li r-rikorrenti hadet maghha d-dar kull ma kellha bzonn bhall-bjankerija, cooker, l-ghodda kollha tal-kcina, kenwood food processor, dehumidifier, zewg figurini kbar, television u xi bicctejn ghamara.

Missier ir-rikorrent jikkonferma l-incidenti kollha kif deskritti minn martu JE li sehhew precizament fil-Milied tas-sena 1994, fis-sena 1995, fis-sena 1997 meta r-rikorrenti spiccat Dar Merhba Bik, kif ukoll fis-sena 2004. Ix-xhud jistqarr li wara li r-rikorrenti kienet titlaq mid-dar kien jibda jheddidhom, imbaghad kien ighid li kien iddispjacut talli jkun ghamel u r-rikorrenti terga' tahfirlu. Ighid li minkejja kollox, xorta kien ihobb lill-intimat qisu ibnu u kien jittama li

l-affarijiet ta’ bejniethom jitrangaw u sas-sena 2004 kienu hasbu li l-affarijiet kienu mixjin ghal ahjar, sakemm regghu bdew jinqalghu l-kwistjonijiet.

Jispjega li hu kien jipprova jirranga l-affarijiet, izda r-rikorrenti kienet tibza’ li kien ser joqtolha jekk tibqa’ mieghu, sakemm fis-sena 2006, wara glieda kbira r-rikorrenti ddecidiet li titlaq mid-dar ghal kollox ghaliex kien vjolenti maghha u mat-tifla u kienet marret tghix maghhom. Jispjega illi l-intimat kien il-hin kollu jcempel u daqqa jhedded u daqqa jibki. Kien anke jmur ifittixha fuq ix-xoghol, izda kienu waqqfuh. Fil-fatt ighid li kienu ghamlulu garanzija biex ma jergax jersaq lejhom.

Ix-xhud ikompli jghid li f’Dicembru, 2006 waqt li kienu l-festin tal-Milied tax-xoghol, kien hemm kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-intimat u habiba tar-rikorrenti lemhet lill-intimat jipprova jferra tazza birra fuq ras ir-rikorrenti u kienet gibditha lura. L-intimat kien heddidha li kien ser ipatthielha u fil-fatt l-ghada kienet sabet girfa t-tul kollha tal-karozza.

Sakemm damet maghhom, ix-xhud ighid li l-intimat kien baqa’ jcempel u jhedded u jwerwer lit-tifla u kien ighidilha li ser joqtol lill ommha u lilha kien ser idahhalha go istitut.

Incident iehor li jsemmi missier ir-rikorrenti huwa meta qabbduh inehhi l-pjanci minn fuq il-vettura tar-rikorrenti. Ighid li nizel biex jara x’kien qed jigri peress li kien fis-sodda migugh b’ghonqu u l-intimat kien stiednu ghall-glied minghajr ma kien jaf x’qed jigri u kien ippuntalu *driller* ma’ wiccu u f’hin minnhom kien anke qabdu minn ghonqu. Ighid li mbaghad kienu gew il-pulizija u haduh maghhom.

Ix-xhud fl-ahhar jikkonferma li minhabba t-telefonati u t-theddid kontinwu tal-intimat kellhom idahhlu ID caller u kkonferma ukoll li l-intimat kien sahansitra mar l-iskola fejn tattendi binthom u hedded lill-headmistress.

Rat ix-xhieda tar-rikorrenti li xehdet bil-mod segwenti:-

**Is-sitwazzjoni qabel iz-zwieg**

Ir-rikorrenti tispjega li hi kienet iltaqghet mal-intimat peress li kienu jahdmu fl-istess fabbrika, sakemm imbaghad kien keccew xi nies minhabba “redundancy” u l-intimat kien wiehed

minnhom. Izda tghid li kienet darba inzertatu l-Belt u darba ohra f'diskoteka u fis-sena 1991 kienu bdew johorgu flimkien.

Tispjega li wara xi ftit regghu baghtu ghall-intimat u kien rega' beda jahdem maghha. Tghid li kienu jaqblu hafna, sakemm inghatat promozzjoni u l-intimat beda jghir ghall-Manager li kellha peress li kien sema' xi ghajdut fuqu. Minhabba f'hekk kienu ggieldu u nfirdu ghal jumejn, sakemm iddecidiet li ma taccettax il-promozzjoni ghaliex kienet thobb lill-intimat u rrizenjat f'Settembru, 1992.

F'dan il-perjodu kienet harget tqila u kienu kuntenti, ghax apparti l-problemi tax-xoghol ma kellhomx problem ohra u tghid li l-intimat kien jirrispettaha. Sadanittant tghid li kienet iltaqghet mal-familjari tal-intimat u cioe' n-nanna materna u z-zijiet, missieru kien mejjet u ommu kienet telqitu u ma kellux relazzjoni maghha.

Ir-rikorrenti tispjega li meta saret taf li kienet tqila kienu marru jkellmu lill-qassis biex ighidulu li xtaqu jizzewwgu u hemm l-intimat f'mumenti beda jghid li t-tarbija ma kinitx tieghu, mbaghad kien ighid li kien hareg lir-rikorrenti tqila biex ma titilqux.

Meta l-genituri taghha kienu saru jafu li kienet tqila ghall-bidu kienu haduha bil-kbira u ommha kienet inkwietat peress li l-intimat ma kellux relazzjoni tajba m'ommu. Tghid li kellhom problemi finanzjarji, izda biex xtraw il-post kienet hallset Lm5900 u l-intimat kien hareg Lm100. Imbaghad kienu ssellfu mill-bank ghar-rimanenti bilanc minghand il-Lombard Bank. Tistqarr ukoll illi kienu ghamlu skrittura ghand in-Nutar fejn iddikjarat li kienet harget nofs il-flus mill-flus li kienet warrbet meta kienet ghadha xebba. Ir-rikorrenti esebit il-kuntratt ta' akkwist tad-dar konjugali u tghid li minkejja li f'dan il-kuntratt jidher li kien hallsu ammonti ndaqs biex xtraw il-post, jirrizulta carament li hi kienet harget Lm5900 minn ktieb tal-bank. [9]

**It-twelid ta' D**

Ir-rikorrent tghid li binthom D twieldet fl-24 ta' Gunju, 1994 u l-intimat kien kuntent hafna. F'dak iz-zmien ma kinux ghadhom ighixu flimkien u din kienet problema, peress li ommha kienet konservattiva ma kinitx tridhom wahdehom id-dar u jekk kienet tinserta ma tkunx id-

[9] Ara Dokumenti E-T minn fol.623-637 tal-process.

dar ma riditx lill-intimat jidhol u din il-kwistjoni kienet twassal ghall-argumenti bejniethom. Minhabba f'hekk ir-rikorrenti tghid li kellha seba' mitt sena biex tizzewweg.

**Is-sitwazzjoni waqt iz-zwieg**

Ir-rikorrenti tghid li kienu zzewwgu fis-27 ta' Awissu, 1994, izda minhabba li l-intimat ma riedx ma kienu organizzaw xejn ghax ried igemma l-flus. Tghid li lanqas libset libsa tat-tieg u dan minhabba li l-intimat ried iwarrab il-flus ghad-dar taghhom. Meta zzewwgu fil-fatt kienu marru joqoghdu go l-appartament u r-rikorrenti tghid li hi kienet baqqghet tahdem wara li kellha lil D ghal xi sitt xhur wara l-maternity leave, izda mbaghad tistqarr li l-intimat ma riedhiex tkompli tahdem u tahseb li kien baqa' jghir ghall-Manager taghha. Kien ghalhekk li kienet waqqfghet tahdem.

Ir-rikorrenti tirrakkonta dwar l-ewwel incident li kellhom wara z-zwieg u dan kien ghall-habta tal-Milied, xi sitt xhur wara li kienu zzewwgu. Kienu mistiednin ghand ommha ghall-ikla, imbaghad filghaxija kienu mistiednin ghand koppja girien taghhom li kienu joqoghdu fl-istess blokk ta' appartamenti. Tghid li peress li l-intimat kien ighir ghar-ragel ta' din il-koppja, u fl-ahhar minuta ddecieda li ma riedx imur ghandhom u kienu ggieldu, tant li l-intimat ipprova jdahhal is-sebgha tar-rikorrenti fil-plakka tal-elettriku, kif ukoll tefaghha mal-art u tant kienet bezghet li marret tigri 'l barra u marret ghand il-girien fejn kienu mistiednin. Ir-rikorrenti tghid li kienet irraportatu u marret tghix ghand ommha bit-tifla minuri u kienu damu hemm xi gimaghtejn. Sadanittant, l-intimat kien imur jiggieled u darba fost l-ohrajn kien qala' l-bieb ta' barra.

Ir-rikorrenti tkompli tghid li mbaghad kien induna li kien zbalja u skuza ruhu u kienet regghet marret lura d-dar u ghamlu zmien tajjeb, izda tghid li mbaghad beda jitfaghha mal-art kull darba li kien ikollhom glieda.

Ir-rikorrenti tistqarr li kienet telqet mid-dar matrimonjali f'Gunju tas-sena 1995 u dan minhabba li ghal darb'ohra kien heddidha u tefaghha mal-art u kien ipprova jifqaghha u dan kien ghamlu quddiem it-tifla. Meta mbaghad kien jaraha mbezza' kien jitlaqha. Wara dan l-incident ir-rikorrent tispjega li kienet marret ghand il-Pulizija u ghamlet rapport. Nel frattemp kienet telqet mid-dar u kienet marret tghix ghand nannitha, peress li l-genituri taghha m'accettawhiex minhabba li kienu jibzghu mill-vjolenza tal-intimat. Pero', l-intimat sar jaf li

kienet hemm u mar isibha u kien kisrilha l-bieb ta' barra u spiccaw hi, bintha u nannitha ghand ommha, fejn damet bejn tlett gimghat jew xahar, ghax l-intimat kien jidher iddispjacut.

Ir-rikorrenti tispjega kif kienu marru ghand il-psikjatra li kien ippreskrivielu xi medicini, li ghal ewwel hadhom, izda mbaghad ma hadhomx aktar u ghalhekk il-kura ma kinitx effettiva.

Ir-rikorrenti tghid li ghall-hatba ta'Settembru, 1997, l-intimat kien sar aktar vjolenti u kien beda juza' l-iskieken fil-vjolenza tieghu. Kienet bezghet u telqet ghal darb'ohra bit-tifla ghal ghand ommha, li kienet haditha ghand I. Ommha ma kinitx kuntenta u ma riditx izommhom ghax bezghet mill-inkwiet li kien jaqla' l-intimat. Fuq parir ta' I kienet marret Dar Merhba Bik u kienet damet hemm ghal erba' xhur.

Ir-rikorrenti tispjega ukoll li l-intimat kien wehel piena ta' seba' gimghat habs mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), izda sakemm dehru quddiem l-Appell kienet irtirat il-kwerela peress li kienet hafritlu.

Ir-rikorrenti tispjega illi ftit qabel ma dahlet Dar Merhba Bik kienet regghet bdiet tahdem, izda kellha terga' tieqaf malli dahlet hemm peress li l-intimat kien beda jhedded kemm lilha, kif ukoll is-sorijiet u s-social workers. Waqt li kienet hawn ukoll, l-intimat kien ipprova jikkometti suwicidju kien belgha l-pilloli. Kienu dahhluh Monte Carmeli u ghamel xi jumejn hemmhekk. Ir-rikorrenti tghid li minhabba l-biza' minn Merhba Bik kienu baghtuha ghand psikologa Dr. Mariella Blackman u malli l-intimat sar jaf li kienet qed tattendi s-sessjonjiet maghha, kien irid imur maghha. Attendew ghal tlett sessjonijiet u r-rikorrenti tghid li bdiet tarah qed jikkalma u rega' beda jiehu l-pilloli u regghu rrangaw.

Ir-rikorrenti tghid li kull darba li kellha l-problemi kienet tirrikorri ghand I biex ighinhom jergghu jirrangaw. Tghid li mbaghad kien hemm zmien fejn ma kinux miexjin hazin u peress li kienet drat biex toqghod attenta kif titkellem mieghu, ma kienx qed ikun daqshekk aggressiv.

Dwar it-tifla, ir-rikorrent tispjega illi din kienet tibza' hafna minn missierha u peress li kienet tara hafna vjolenza u kien jghajjat hafna maghha ukoll, kellha "low self-esteem." Kienet tarah jheddid lill-ommha bl-iskieken u kien anke jheddidha hafna. Ir-rikorrenti tghid ukoll li kien ibati minn depression u kien jiffissa fuq affarijiet, bhal meta ffissa li kien qed jaqghalu xagharu u kien ried lir-rikorrenti tghoddlu kemm ghandu xaghar f'rasu u peress li rrifjutat kien gab

mannara u beda jaghmilha ma' rasha. It-tifla taghhom li kienet prezenti kienet twerwret u meta raha waddab il-mannara mal-art u qafilha fil-kamra taghha fid-dlam.

Minhabba l-fissazjoni li kellu fuq xaghru, ir-rikorrenti tghid li kienu bdew jaqbdu mieghu shabu tax-xoghol u spicca kien hemm argument kbir u tkecca mix-xoghol. Imbaghad kienet qabditu depression ghax kien tkecca mix-xoghol u kienet tahdem ir-rikorrenti f'dak iz-zmien. Izda tghid li l-intimat kien qed ikun vjolenti man-nies minkejja li kien qed jiehu l-pilloli f'dak il-perjodu. Ir-rikorrenti tghid li ppruvat titkellem mal-Union biex forsi jerga' jidhol jahdem u kienu rrangawlu u donnu beda jirkupra mid-depression, izda malli beda jirkupra regghet qabditu depression ghax iffissa li kellu *slipped disc* f'dahru. Kien sahansitra dahal l-isptar u t-tobba kienu qalulu li ma kellu xejn minn dan u kien ahjar jekk ikellem psikjatra, izda ma riedx jaf u baqa' ffissat.

Ir-rikorrenti tistqarr li kull darba li kien ikollhom xi argumenti horox li b'kollox kien hemm bejn sitt jew seba' darbiet, kienet tibza' hafna u kienet tmur ghand il-genituri taghha, li kienu jippruvaw jikkalmaw lill-intimat sakemm kienet tista' terga' tmur lura d-dar. Tghid li l-genituri taghha kienu jmorru maghha sad-dar biex jarawha diehla u li kollox kien kalm. Kienet anke tathom cavetta biex jekk kemm-il darba kienu jisimghu xi ghajjat jew taghmilihom xi sinjal it-tifla kienu jitilghu biex jaghtuha l-ghajnuna.

Tghid ukoll li fis-26 ta' Awissu, kien heddidha u tant kienet bezghet li lanqas marret ghax-xoghol u ghaddiet gurnata ghand ommha u kienu marru ikellmu lil I, li kien cempel lill-intimat, li malli sar jaf li ma marritx xoghol ghamel xenata u lanqas ried jaf x'kellu xi jghidlu I.  Kien imbaghad missierha li rnexxielu jikkalmah u kienet irritornat lura d-dar b'hafna biza'.

Ir-rikorrenti tispjega ukoll illi kien hemm okkazzjoni fejn l-intimat kellu jitla' l-Qorti fuq kaz fejn kien hedded ragel bil-mannara. Kien talab lir-rikorrenti sabiex tixhed falz u rrifjutat u kien hadha kontriha. Wara din l-okkazzjoni kien hemm incident iehor. Kienu gabu kelb "Siberian Husky" u waqt li l-intimat kien qieghed ix-xoghol, il-kelb kien giref il-hajt u meta gie lura d-dar induna u bir-rabja kien se jifga l-kelb. Ir-rikorrenti tispjega li ppruvat twaqqfu u mbuttatu. Dan spicca biex jheddidha bis-skieken u beda jigri warajha, mbaghad meta qamet it-tifla u bdiet taqbez ghal ommha, beda jigri warajha ukoll. Ir-rikorrenti tghid li ghamlet ta' bir-ruhha li kien laqatha biex jieqaf. Dakinhar spicca li sakkar it-tifla fil-kamra u hi kellha torqod magenbu u kellu zewgt iskieken taht l-imhadda.

L-ghada, ir-rikorrenti tirrakkonta li regghu kellhom xi jghidu u rega’ beda jheddidha bl-iskieken u ghalhekk iddecidiet li ma felthitx u qalet lit-tifla biex tippakkja xi affarijiet u kienu ser jitilqu ghal dejjem. Kienu marru ghand il-genituri taghha u kienet talbithom biex ma jergghux icemplu lill-intimat biex jikkalma u talbithom biex izommuhom maghhom u kienu accettaw. Imbaghad, l-intimat beda jmur hdejn id-dar t’ommha u kien jheddihom. Tghid li kienet hallietu jara lit-tifla, izda kienet tibza’ minnu u ma riditx tarah izjed. Minhabba l-atteggjament tieghu, it-tifla kellha problemi u r-rikorrenti kellha tehodha ghand psikjatra fuq rakkomandazzjoni tal-Appogg u tghid li haditha ghal sitt sessjonijiet a spejjes taghha, meta lanqas kienet ghadha qed tircievi manteniment ghall-minuri. Ir-rikorrenti tghid ukoll li peress li l-intimat kien kontinwament jhedded l-Appogg, in partikolari M, is-service leader fil-Qrati ta’ Malta, f’isem l-Appogg, kienu waqqfulu l-access. Tghid li l-intimat kien anke hedded lil N, il-Headmistress tal-iskola Carlo Diacono taz-Zejtun.

**Is-Sitwazzjoni Prezenti**

Illum ir-rikorrenti tghid li hi u l-minuri m’ghadhomx ighixu mal-intimat minhabba li ma setghux jibqghu jghixu bil-vjolenza. Minkejja dan, l-intimat baqa’ jibghat messaggi tat-theddid bil-mobile lilha u anke lill-minuri u juza’ kliem baxx. Fil-fatt tghid li l-intimat kien ittella’ l-Qorti ukoll fuq dawn l-akkuzi u kien wehel sentenza sospiza ta’ prigunerija, multa u kien tqieghed taht supervizjoni.

Kompliet tghid li llum l-intimat ighaddi hmistax-il lira (Lm15) Maltin bhala manteniment ghat-tifla minuri, li llum ghandha erbatax-il sena u ghalhekk l-ammont huwa zghir wisq biex tmantni tifla tal-eta’ taghha apparti li hemm l-ispejjes tal-edukazzjoni u sahha, apparti li r-rikorrenti meta xehdet ma kellhiex impjieg ghax kienet spiccat *redundant.*

Ir-rikorrenti tispicca biex tghid li ma tixtieqx li jkun hemm access tal-intimat ghall-minuri peress li din tal-ahhar ma thossiex komda fil-presenza tieghu ghax ghandha hafna biza’ minnu peress li kienet rat hafna vjolenza.

Ir-rikorrenti spjegat ukoll illi t-tarbija O li kellha minghand P, u li twieled fl-2008 ma kellhiex x’taqsam mas-separazzjoni minn mal-intimat. Ikkonfermat li kienet telqet mid-dar matrimonjali fis-26 ta’ Awissu, 2006 u marret tghix ghand ommha minhabba t-theddid lejha u

lejn bintha mill-intimat.[10] Tikkonferma ukoll illi dak iz-zmien ma kinitx taf lil P. Iltaqghet mieghu ghall-habta ta' Frar, 2007 u cioe' sitt xhur wara li kienet telqet mid-dar matrimonjali. Tghid li tul dawn is-sitt xhur kienet fethet il-medjazzjoni u kien waqt dawn il-proceduri li ltaqghet ma' P.

Ir-rikorrenti tghid li bhalissa hi qed tghix go appartament mikri fejn qed thallas €395 fix-xahar u €45 fix-xahar tal-kont tal-elettriku u ilma, filwaqt li l-intimat qed ighix fid-dar matrimonjali li hallset tlett kwarti minnu hi. Ir-rikorrenti tghid li kienet kriet l-appartament u l-kuntratt kellu jieqaf fit-22 ta' Frar, 2010, izda baqqghet tikri l-istess appartament sallum.[11]

Tghid ukoll li l-intimat gie ordnat darbtejn mill-Onor. Imhallef Joseph Azzopardi biex iroddilha lura c-cavetta tal-bieb ta' barra u l-ewwel darba kienet fit-23 ta' Jannar, 2009, pero' ghadha minghajrha sallum il-gurnata, ghax l-intimat jinsisti li r-rikorrenti kienet dahlet ghandu u serqitu. Ir-rikorrenti tinnega dan kollu, peress li ghandha l-ircevuti ta' dawn l-oggetti li jallega li serqitlu. Kellhom kawza quddiem il-Magistrat Dr. Saviour Demicoli fis-17 ta' Marzu, 2009 u tghid li giet liberata, minkejja li l-intimat xorta wahda ghadu jipprova jhammgilha isimiha.[12]

Ir-rikorrenti tilmenta minhabba l-fatt li llum l-intimat ghandu relazzjoni ma' certu Q, li kienet tahdem maghhom it-Trelleborg, ghax kienet habiba taghha u tghid li l-intimat qed idahhalha fid-dar matrimonjali u xi girien gharrfuha ukoll illi kienet kemm-il darba dahlet gewwa l-appartament u anke raqdet hemm. Dan kien jigri ukoll ma' partners ohra, ghax ftit wara li kienet telqitu kienet giet tigbru tfajla ta' nazzjonalita' barranija mix-xoghol u kienet segwithom u rathom diehlin god-dar matrimonjali mghannqin. Ir-rikorrenti tghid li tikkundanna dan l-agir tal-intimat peress qed idahhal dawn in-nisa minghajr il-kunsens taghha, gewwa dar li ghandha sehemha minnha.

Ir-rikorrenti tichad ukoll illi z-zwieg tfarrak minhabba li hi kkommettiet adulterju. Tispjega illi l-inkwiet kien ilu jberraq minhabba li l-intimat kien aggressiv u vjolenti, kien jheddidha u kienet soffriet vjolenza domestika. Minkejja li ppruvat tikkonvincih imur ghand psikjatra, qatt ma ried imur u kienet ghalhekk tghix fil-biza u ma kellhiex ghazla, hlief li tahrab ma' bintha, ghax li kieku kienet talbitu separazzjoni zgur kien joqtolha. Kienet ghamlet xi zmien Dar

[10] Ara rikors 194/09 tal-15 ta' Gunju, 2009 a fol.217 tal-process.
[11] Ara Dokumenti A – D a fol.619-622 tal-process.
[12] Ara Dokument U u V a fol. 639-640 tal-process.

Merhba Bik bejn it-8 ta' Settembru, 1997 u s-27 ta' Dicembru, 1997 u kien hemm l-inkwiet sa minn dak iz-zmien.[13]

Ir-rikorrenti tghid li kienet tghix hajja ta' biza u ghall-intimat kienet hemm biex isseftirlu u biex jikkontrollalha l-paga u biex tahdem *outwork*, sa fejn gieli damet sas-siegha ta' filghodu. Il-paga li kienet tircievi minn dan l-*outwork*, kien jehodha l-intimat u jiddepositaha fil-bank account tieghu biex ifaddal ghall-karozza, li jghid li hallsitlu n-nanna paterna.

Ir-rikorrenti tghid li l-intimat kien vendikattiv u kien tefghalha l-actu mal-karozza taghha u kellha ssewwiha hi a spejjez taghha. Tghid li hafna kollegi tax-xoghol kienu qalulha b'dan izda hadd ma kien dispost jitla' jixhed ghax kienu jibzghu mit-theddid tieghu. Kien hemm certu R li kien jahdem maghhom u kien jerfaghlha post hdejn is-security malli jlesti mis-shift tieghu biex tipparkja minfloku. Kellu xi argument mal-intimat li ammetta mieghu li kien hu li waddab l-actu fuq il-vettura tar-rikorrenti u kien dispost jixhed kontrih. Ir-rikorrenti tghid li kienet ghamlet rapport kontrih l-Ghassa ta' Birzebbuga, izda l-intimat kien innega kollox ghax stqarr li ma kellu ebda intenzjoni biex jaghmel hsara f'vettura li kienet tghajjat lilu.

Ir-rikorrenti tistqarr ukoll li saret taf li l-intimat kemm waqt iz-zwieg kif ukoll matul is-separazzjoni biddilha ma' hafna nisa u kien jiftahar man-nies li kien il-"king" tal-prostituti nisa. Kien hemm wahda S li kien isemmi ta' spiss u kien semma' li kellha xi tattoo fuq il-warrani taghha u wara li ppruvat tnehhiha kienet gietha kerha. Tghid ukoll illi l-kollegi tax-xoghol kienu rawha fil-vettura taghhom u temmen dan kollu ghalxiex diversi persuni kienu qalulha l-istess kliem, izda sfortunatament mhumiex disposti li jixhdu.

Ir-rikorrenti ssemmi ukoll incident meta l-intimat kien infurma lill-missierha li l-vettura Hyundai Accent li l-intimat kellu fil-pussess tieghu kienet giet misruqa u nharqet waqt li kienet iggaraxxjata go ghalqa taz-ziju tieghu. Ir-rikorrenti thoss li l-intimat seta' ma halliex il-vettura go ghalqa ghax setghet haditha hi u rrangatha, izda kien ighid li l-vettura m'ghaddietx mill-VRT u ghalhekk kellha hafna spejjez. Tghid ukoll li l-Qorti kienet ordnat li hi tiehu c-Citroen, filwaqt li hu jiehu l-Hyundai u l-istess intimat kien talabha sehemhu mic-Citroen, izda ma kienetx accettat peress li meta kkalkulat kemm kienet tiswa' l-Hyundai dak iz-zmien u kemm kienu hallsu fuq ic-Citroen, kienu jigu l-istess. Imbaghad kien beda jibghatilha messaggi biex

[13] Ara Dokumenti W a fol. 641 tal-process.

ighidilha li ma kienetx ser tara sold fuq il-Hyundai ghax kien jahraqha. Kienet ghalhekk ghamlet rapport lill-pulizija meta kien qallha li l-Hyundai inharqet. [14] Ziedet tghid ukoll li xi kollegi tax-xoghol infurmawaha li l-intimat kien talabhom xi informazzjoni dwar is-security cameras installati madwar id-dipartiment fejn kienet tahdem ir-rikorrenti ghax ried jahraqilha c-Citroen, izda hadd minnhom ma kien dispost li jixhed.

Ir-rikorrenti ssemmi li kien hemm dizgwid fuq il-vettura Citroen C2 bin-numru ta' registrazzjoni SON 750 ghax l-intimat jinsisti li l-vettura nxtrat bi flejjes parafernali tieghu ta' cirka Lm1800 (ekwivalenti ghal €4,194) u kien rigal da parti tan-nanna paterna tieghu u kien qed jippretendi kreditu ta' dan il-valur parafernali. Ir-rikorrenti tinsisti li din il-vettura nxtrat gdida minghand Muscat Motors ghall-prezz ta' Lm5100 (ekwivalenti ghal €11,883), li minnhom kienet hallset personalment Lm3385 (ekwivalenti ghal €7,887). Rigward in-nanna paterna tghid li dina saru jafuha wara li xtraw il-vettura peress li missier l-intimat kien miet meta kien ghadu zghir u l-familja t'ommu qatt ma kienu introducewh mal-familja ta' missieru. Ir-rikorrenti tispjega ukoll illi qabel ic-Citroen kienu xtraw Fiesta ghall-uzu taghha, pero' qatt ma spiccat uzatha, ghax l-intimat iffissa li kienet ser tahbat biha. Kien iffissa li kellha s-sadid minkejja li kienet ghadha hierga mill-fabbrika. Baqa' jiggieled mal-kumpanija Gasan sakemm tawhom il-flus lura.

Ir-rikorrenti tinsisti li hi kienet tahdem u tistinka hafna bl-*overtime* u *outwork* biex thallas il-karozza u fil-fatt tikkonferma li l-pagamenti kienu jsiru mill-paga taghha. Tghid li kien hemm differenzi fil-pagi taghhom fiz-zmien li kienu flimkien u kienu qed ihallsu l-karozza.[15]

Ir-rikorrenti tispjega ukoll li kien hemm problema rigward il-linja telefonika. Peress li kienu kontinwament jircievu hafna telefonati anonimi ta' sikwit kien ikollhom ibiddlu n-numru u l-linja dejjem kienet tghajjat lilha. Tispjega li meta telqet mid-dar, l-intimat kien beda jaghmel hafna telefonati u ghalhekk riedet li jaqilbuh fuq ismu. Kienu ftehmu li jmorru flimkien, izda mbaghad il-GO plc. riedu certifikat taz-zwieg u firma tat-tnejn. Nel frattemp pero' gara li hargu hafna garanziji mill-Qorti u ddecidiet li kien ahjar li ma jiltaqghux flimkien, bil-konsegwenza li l-intimat ma baqax ihallas il-kontijiet. Kienet marret tkellem lil Dr. T, li kienet l-avukat tal-kumpanija, li fissritilha li xorta kellhom jinhargu proceduri kontriha ghall-hlas tal-kont u l-

[14] Ara Dokument. X u Y a fol.642-643 tal-process.
[15] Ara DOk G1 u H1 a fol.658 u 659 tal-process.

Qorti tispjega s-sitwazzjoni, izda peress li l-ID kien ghadu jgib l-indirizz tad-dar matrimonjali ma bdietx tircievi n-notifiki tal-Qorti u kien qed izommhom l-intimat. Tispjega li spiccat inqatghet mill-Qorti biex ihallsu nofs l-ispejjes kull wiehed u sahansitra ffrizawlha l-kontijiet tal-banek. Kienet kitbet lil Dr. T biex tispjegalha c-cirkostanzi u biex thallas bin-nifs. Fil-fatt illum kienet hallset dan il-kont fl-ammont ta' €320,[16] apparti li ghadha trid thallas il-credit control.

Dwar kontijiet bankarji, ir-rikorrenti ssemmi li kien hemm kont ta' D, li kien fih li kienet taqla' mill-maghmudija, il-precett u birthdays. Kien fih cirka xi €1000, izda peress li kellhom hafna spejjes dak iz-zmien kienu uzaw dawn il-flus, izda r-rikorrenti tghid li kienet ikkonvinciet lill-intimat biex jifthu kont f'isem binthom biex tibda titfaghla ftit ftit il-flus li kienu uzawlha u kien irnexxielha ggemma xi €500. Meta ffrizawlha l-kontijiet tghid li kien irnexxielha twarrab ta' bintha u malli taghlaq tmintax kienet ser taghtihomla peress li kienet kbira bizzejjed. Ir-rikorrenti tinsisti li l-intimat ghad irid ighaddilha s-sehem tieghu ukoll minn dawn il-flus.

Ir-rikorrenti tispjega ukoll li kemm ilhom li telqu mid-dar matrimonjali meta D kellha tnax-il sena, l-intimat jaghtiha manteniment mizeru, filwaqt li hi thallsilha kollox mill-ikel, ghall-ispejjez relatati mal-iskola u spejjez ta' hrug mal-gharus u ma' shabha, kif ukoll spejjez relatati mal-hwejjeg, max-xaghar peress li hija tfajla vanituza. Ir-rikorrenti ma tinnegax il-fatt, li hi tahdem hafna biex tghin lill-bintha u ma thobbx icahhadha minn xejn peress li ghaddiet minn esperjenzi koroh. Tikkonferma li l-paga taghha hija dik ta' €525 kull hmistax[17] u taghmel hafna sagrificcji biex toqghod *overtime* biex tlahhaq mal-paga. Tghid fejn ma tlahhaqx mal-hajja ghandha l-Visa fejn hemm ammont ta' €1800 u ghalhekk qatt ma tista' tiehu r-ruh. Tghid li tibqa' nieqsa minn hafna affarijiet biex tikkuntenta lit-tifla, li llum qed tistudja l-MCAST biex tiggradwa fl-2013.[18]

Tghid ukoll li hemm kreditu favuriha mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, li kienu baghtu cekk fl-ammonti ta' Lm125 (ekwivalenti ghal €291.25) u Lm120 (ekwivalenti ghal €279.60). Hi suppost irceviet ic-cekk fl-ammont ta' Lm125 (ekwivalenti ghal €291.25), izda rrizulta li kien

[16] Ara Dokument Z u A1 a fol. 644 – 645 tal-process.
[17] Ara Dok. B1, C1 u D1u F1 a fol.653-655 u 657 tal-process.
[18] Ara Dok.E1 a fol. 656 tal-process

hadu l-intimat u sarfu. Minkejja certu U, mid-Dipartiment ipprova jkellem lill-intimat biex irodd ic-cekk lura, ma seta' jaghmel xejn u kienet ghadha minghajr dawn il-flus sallum.[19]

Ir-rikorrenti tistqarr ukoll illi kollega taghha mix-xoghol, kienet ikkuragitha halli tibda tohrog u dderri. Gieli marru sas-cinema jew jieklu u kien hawn li kienet iltaqghet ma' P, li ghadha mieghu sallum. Dan kien fi Frar, 2007. L-intimat kien hedded lil din il-habiba u sahanistra x'aktarx kien wettaq vendikazzjoni fuq il-vettura taghha.

Ir-rikorrenti tghid li l-intimat kien beda jhedded lil P u anke lilha u lit-tifla u kemm-il darba dan tal-ahhar kien isibha nkwietata. Kien kontinwament jibghatilha biex tinfurma lil P li ried joqtlu u darba minnhom kien stiednu ghall-glied. P kien ilu jissaportih u kien accetta li jiltaqghu Bugibba. Kien mar fuq il-post, u dakinhar l-intimat kien hareg mill-karozza, ipponta xi arma tan-nar fid-direzzjoni ta' P u qal xi diskors li dan tal-ahhar ma fehemx peress li kien Ingliz u telaq fil-karozza. L-ghada x-xoghol, ir-rikorrenti bdew isaqsuha jekk P kienx tajjeb peress li l-intimat kien qed ighid li kien sab lil P, tah xebgha u hallih mal-art. Kien hemm incidenti ohra fejn l-intimat kien icemplilha u jghidilha li kien quddiem l-appartament ta' P u li kien se joqtlu. Kien anke jdur Bugibba bil-karozza jew jieqaf bil-karozza quddiem l-appartament ma' ragel iehor ta' figura kbira biex jintimidah. Kien hemm ukoll hafna okkazzjonijiet fejn hi kif ukoll P kienu jircievu hafna telefonati anonimi u gieli kien jitla' n-numru tal-intimat tard billejl.

Ir-rikorrenti tghid li l-intimat baqa' jinsisti li jrid jara lill-minuri D, izda hi qatt ma uriet interess li tarah u kienet qalet lill-ommha li kienet se tiehu magazine u tinjorah. Ir-rikorrenti tghid li kienet inkwietat peress li kienet taf kif kien l-intimat u jispicca jtiha daqqa ta' harta. Wara diversi laqghat mal-avukat tat-tfal, Dr. Tatianne Cassar, il-Qorti ordnat li l-intimat ikollu access ghall-minuri siegha fil-gimgha l-Appogg. L-intimat m'accettax u beda jhedded lil tal-Appogg, kif ukoll il-Headmistress tal-iskola li kienet tattendi l-minuri. Kien hawn li cemplitilha l-avukata Dr. Lorraine Schembri Orland u avzatha biex ma tiehux it-tifla l-Appogg minhabba t-theddid.

Kien hemm ordni ohra mill-Qorti li kienet ordnat li l-access tal-intimat ikun darba fil-gimgha fil-presenza ta' membru tal-Appogg fl-ghassa. Fis-17 ta' Gunju, 2008, ir-rikorrenti kienet se twelled lit-tarbija li kellha minghand P u kien hemm l-access. Kienet talbet lill-genituri taghha

[19] Ara Dok. I1  u J1 a fol. 660-661 tal-process.

biex jiehdu lil D, izda rrifjutaw minhabba d-diversi incidenti li sehhew. Meta l-Appogg infurmaw lill-intimat kien beda jheddidhom. Spiccaw li kellha twelled lit-tifel minghand P bil-pulizija maghha u dan kien fit-18 ta' Gunju, 2008 u kienu poggewha go kamra wahedha ghaliex O, it-tarbija kienet mheddha mill-intimat ukoll. Ir-rikorrenti tistqarr li kull darba li kienet tohrog mill-kamra biex tati *bottle* lit-tarbija, l-ommijiet kienu jharsu lejha qisha xi habsija, pero' ma kellhiex alternattiva ghax kellha bzonn il-protezzjoni.

Tghid li minn dakinhar kien hemm hafna rapporti u kawzi l-Qorti, sahansitra D u l-gharus spiccaw ghamlu rapport kontrih minhabba theddid, fejn instab hati quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Ir-rikorrenti titlob ukoll li tinghata l-opportunita' li tirriverti ghall-kunjom xbubitha, minkejja li m'ghamlitx talba fil-kawza ta' separazzjoni

Rat ix-xhieda ta' M, Service Area Leader fl-Agenzija Appogg, li tghid li kienet involuta f'dan il-kaz bejn is-snin 2006 sal-2009, meta kienet Service Area Leader ta' Court Services. Fil-5 ta' Settembru, 2006 it-taqsima fejn kienet tahdem kienet irceviet digriet mill-Qorti fejn l-Imhallef talab li jkun hemm social worker fuq il-kaz u fil-fatt kienet giet inkarigata V u hi kienet supervisor. Tispjega li hi ma kinitx tkellmet mal-minuri D, izda bhala Appogg kienu inkwietati peress li fiz-zmien li sar rapport ta' V, li sar taht is-supervizjoni taghha, l-intimat kien qed jaghmel hafna theddid fuq is-supportline. Fit-30 ta' Ottubru, 2006 kien ghamel telefonata fuq l-istess supportline u kien qal li xtaq jara lill-mara mejta u qal ukoll li ried imur joqtol lill-missierha.

Ix-xhud tispjega ukoll li skond ir-records tal-Appogg, il-minuri D kienet qalet illi missierha kien qallha li kien se joqtol lir-rikorrenti ommha u lilha kien se jaqfilha go istitut biex b'hekk hadd ma jehodha.

Tghid ukoll li fit-30 ta' Dicembru, 2006, V kienet rat l-messagg li rceviet it-tifla minuri minghand missierha li kienet taqra hekk *"Jiena xtrajt pistola biex noqtol lil A u wara noqtol lili nnifsi.* Ix-xhud tkompli tispjega illi l-Appogg kienet irrakkomandat illi jsir ezami psikjatriku tal-missier u wara jsir l-access fl-Ghassa tal-Pulizija. Minhabba t-theddid li kien ghaddej, hassew li ma kinux kompetenti bizzejjed biex l-access isir fil-premises taghhom.

Tghid ukoll illi l-minuri kienet xtaqet illi taghmel kuntatt darba biss matul il-gurnata ma' missierha l-intimat bit-telefon, izda kienet irrakkomandat illi tigi osservata l-garanzija personali kemm fuq l-omm kif ukoll fuq it-tifla u li jkollha protezzjoni fl-iskola u jigu protetti r-rikorrenti u l-genituri taghha.

Rat ix-xhieda tal-Ispettur W, li esebit erbatax-il rapport li saru mir-rikorrenti kontra l-intimat.[20] Tghid li l-fedina penali tal-intimat ma kinitx *updated* u ghalhekk ma setghetx tesebiha. Ikkonfermat li ma nstabux aktar rapporti.

Rat ix-xhieda ta' X, in rapprezentanza ta' Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited fejn jahdem fil-Human Resources, li esebixxa waqt ix-xhieda tieghu l-FS 3 tal-intimat mis-sena 1999 sas-sena 2009.[21] Ighid li xogholu hu ta' press operator (machine operator). Rigward il-kondizzjonijiet tal-impjieg tal-intimat ighid li kien jezisti ftehim kollettiv li kien validu sas-sena 2008 u kienu qed jinnegozjaw iehor gdid. Ighid li l-kundizzjonijiet fil-ftehim kollettiv kienu ghadhom vigenti minkejja li kien skadut. Jispjega li fl-FS3's hemm indikat id-dhul kollu li l-intimat jircievi minghand il-kumpanija. Rigward l-intimat ighid li kien jahdem mit-Tnejn sal-Gimgha u fuq bazi tat-tlett shifts u cioe' gimgha wahda mis-6.00 am sas-2.00 pm, il-gimgha ta' wara mis-2.00 pm sal-10.00 pm u t-tielet gimgha mill-10.00 am sas-6.00 am.

Dwar korrispondenza li rcevew minghand il-mara tieghu jghid li kienu rcevew ittra minghand Dr. Lorraine Schembri Orland datat 29 ta' Awissu, 2006[22] u r-risposta taghha datata 16 ta' Ottubru, 2006.[23] Jikkonferma ukoll li dak iz-zmien ir-rikorrenti kienet tahdem maghhom ukoll u kienet avvicinatu biex ma jghaddilix telefonati minghand zewgha u wara li kien ha parir minghand l-avukat tal-kumpanija kien talabha biex tqabbad avukat ha jaghmlilha dina t-talba bil-miktub. Ighid li mbaghad ir-rikorrenti ma baqqghetx tahdem maghhom ghax giet *redundant.*

Ix-xhud ikompli jispjega illi meta gew notifikati bid-digriet ta' manteniment ghat-tifla minuri mill-Qorti dan beda jitnaqqas mill-paga tieghu.[24] Jippreciza li dwar *sick leave* l-kumpanija kellha *strict policies.*

---

[20] Ara Dok. PUL 1- PUL 14 a fol.217 – 249 tal-process.
[21] Ara Dok. TSS 1a fol.250 sa fol. 260 tal-process
[22] Ara Dok.TSS 2 a fol.261 tal-process.
[23] Ara Dok.TSS 3 a fol 262 tal-process.
[24]Ara Dok. TSS 4 a fol.263 tal-process.

In kontro-ezami x-xhud jghid li qabel il-kumpanija Trelleborg kienet tissejjah Forsheda Malta Limited u ghalhekk jirrizulta dan l-isem f'xi dokumenti li esebixxa. Dwar l-introjtu tal-intimat jispjega illi fis-sena 1999 kien hemm qligh gross ta' Lm8084.33 u fis-snin ta' wara kien hemm qligh baxx u ma setax jaghti spjegazzjoni u kien ahjar xi hadd mid-dipartiment tal-finanzi.

Rat ix-xhieda ta' WPC 90 Y, li esebit il-fedina penali tal-intimat, aggornata sal-5 ta' Mejju, 2010.[25]

Rat ix-xhieda ta' Z, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc li kkonferma li wara li ghamel ricerka mis-sena 1998 sallum fuq isem l-intimat sab kont wiehed f'ismu, savings account bin-numru 11513385010 u ghadu attiv. Ighid li dan il-kont infetah fl-1 ta' Frar, 2000.[26]

Fuq ricerka tar-rikorrenti minn 1997 sallum irrizulta li hemm seba' kontijiet:-

i) Dok.BOV 2 – A/C D Savings Account bin-numru 10216538013 li naghlaq fit-23 ta' Gunju, 2006;
ii) Dok.BOV 3 – Savings Account bin-numru 12102825016 li ghadu attiv. Dan il-kont infetah fil-5 ta' Awissu, 1991;
iii) Dok.BOV 4 – Savings Account bin-numru 12102825045 li naghlaq fil-11 ta' Gunju, 2001;
iv) Dok.BOV 5 – Teen Saver Account A/C D bin-numru 40015218447 li naghlaq fis-17 ta' Lulju, 2009;
v) DOK. BOV 6 – current account bin-numru 40015519672 li ghadu attiv;
vi) DOK. BOV 7 – savings account A/C D bin-numru 40018316665 li ghadu attiv;
vii) DOK. BOV 8 – credit card BOV Visa Classic card bin-numru 4552401323447015 li fih zbilanc ta' €1503.20 sal-15 ta' Lulju, 2012. Ighid li seta' jgib statements biss mis-sena 2010.

Fuq Dok. BOV 9, l-intimat ighid li dan il-kont li jgib in-numru 12102825029 kien Term Deposit f'isem AE. Fil-5 ta' Marzu, 1994 dan il-kont inaghlaq bl-ammont ta' Lm5900.

[25] Ara dokument a fol.279 tal-process.

[26] Ara Dok.BOV 1 a fol.367 tal-process.

Jikkonferma li b'dan il-bilanc flimkien mal-ammont ta' Lm35.05 zbankat minn kont savings bin-numru 12102825016, kien inhareg Bills Payable lil Lohombus Corporation ta' Lm5900. Ighid li anke dan il-kont kien intestat f'isem AE. Pero' il-bank ma kellux records dwar it-transazzjoni minhabba t-trapass taz-zmien. Ix-xhud esebixxa Dok BOV X9[27], li hija formula li r-rikorrenti mliet fejn talbet il-Bank hrug ta' Bills Payable ammontanti ghal Lm5900 lil Lohombus Corporation, filwaqt li Dok. BOV X10[28] huwa kopja tal-Bills payable mahrug effettivament mill-Bank. Dawn id-dokumenti jikkorroboraw id-dokument BOV 9.

Ix-xhud ighid ukoll li mir-ricerka biex ifittex bills payable favur Gasan Group of Companies bejn 2003 u 2004 u l-ammont bejn Lm1000 (ekwivalenti ghal €2300) u Lm2000 (ekwivalenti ghal €4460) ma setghux isibu dan il-bills payable.

Rat ix-xhieda ta' 1, in rapprezentanza tal-APS Bank Limited li jikkonferma li mir-ricerki li ghamel fuq kontijiet f'isem l-intimat u ma' terzi u ma sab xejn.

Rat ix-xhieda ta' 2 in rapprezentanza ta' Lombard Bank (Malta) plc li ghamlet ricerka fuq l-intimat mill-1 ta' Jannar, 1998 u ma nstabu ebda kontijiet f'ismu jew flimkien ma' terzi.

Rat ix-xhieda ta' 3, in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc. li ghamlet ricerka fuq kontijiet bankarji f'isem l-intimat mis-sena 1998 sallum, minkejja li r-retention period huwa ta' disa' snin. Ix-xhud tikkonferma li sabet is-segwenti kontijiet:-

(i) Savings account numru 054108543050 li kellu numru 544255746 li nfetah fit-22 ta' Jannar, 2001 u ghadu attiv[29];

(ii) Loan Account numru 054109137300 li nfetah fid-19 ta' Frar, 2001 u naghlaq fl-20 ta' Awissu, 2005[30];

(iii) Visa card numru 4568823184447978 li nfetah fl-4 ta' April, 2008 u ghadu attiv[31];

Hemm zewg kontijiet ta' loan account mar-rikorrenti u dawn huwa s-segwenti:-

---

[27] Ara fol. 950 tal-process.
[28] Ara fol.949 tal-process.
[29] Ara Dok. HSBC 1 a fol.381 tal-process.
[30] Ara Dok.HSBC 2 a fol.453 tal-process.
[31] Ara Dok. HSBC 3 a fol.463 tal-process.

(iv) Home Loan Account numru 14016702 li nfetah fid-9 ta' Lulju, 1994 u naghlaq fil-15 ta' Novembru, 2001[32]

(v) Home Loan Account numru 15016700 li nfetah fid-9 ta' Lulju, 1994 u huwa maghluq.[33]

Tghid ukoll illi rigward il-kontijiet li huma attivi dawn huwa skond meta saret ir-ricerka fl-24 ta' Gunju, 2010. Tghid li ghamlet ukoll ricerka mill-1 ta' Jannar, 2012 sal-5 ta' Mejju, 2016 u ma rrizulta xejn f'dan il-perjodu ghal dak li jirrigwarda kontijiet bankarji.

Ix-xhud ukoll esebit Dok HSBC 6 savings account numru 054108550050 li naghlaq fid-9 ta' Jannar, 2007. Dwar dokument HSBC 2 ikkorregiet ruhha u stqarret illi dan mhux kont f'isem l-intimat, imma kongunt mar-rikorrenti.

Esebit ukoll Dokument HSBC IX[34] li huwa update tal-kont HSBC 1 u ukoll Dokument HSBC 3x[35] update tal-kont HSBC 2.

Tghid ukoll li mill-2010, l-intimat qatt ma rega' fetah kontijiet ohra maghhom.

Rat ix-xhieda ta' Dr. 4 li kien gie nkarigat mill-Magistrat Padovani Grima biex jaghmel rapport psikjatriku fuq l-intimat. Dan kien ghall-habta ta' Novembru, 2007. Jikkonferma li bhala kura psikjatrika, l-intimat kien taht Dr. 5 Dr. 6 u Dr. 7. Ighid li ma setax jixhed fuq xiex irrizulta lill-kollegi tieghu. Ghal dak li jirrigwarda l-inkarigu tieghu jghid li ma setax jikkonkludi r-rapport peress li l-intimat ma kienx imur regolarment ghall-vizti u ma kellux kopja tieghu, pero' seta' jikkonferma x-xhieda tieghu li ta quddiem Qorti ohra[36]. Jikkonferma li peress li l-intimat ma kienx jaghmel kuntatt mieghu, ma lahaqx ifforma opinjoni, pero' seta' jikkonferma mix-xhieda tieghu li qal li l-intimat seta' kien ta' periklu. Ikkonferma ukoll li l-intimat kien semmielu li kien ghaddej minn problem matrimonjali pero' peress li ghaddew tlett snin u ma baqax jara lill-intimat ma setax jiftakar ezatt x'kienu l-problemi.

[32] Ara Dok. HSBC 4 a fol. 490 tal-process.
[33] Ara Dok.HSBC 5 a fol. 493 tal-process.
[34] Ara fol.878 tal-process.
[35] Ara fol.892 tal-process.
[36] Ara fol.99-101 tal-process.

Rat ix-xhieda ta' 8, in rappreżentanza ta' Thomas Smith Insurance Limited, fejn jaħdem bħala sales executive ma' Thomas Smith Insurance Brokers. Ighid li kien jaf lill-partijiet peress li cirka erba' snin ilu, ir-rikorrenti tramite ittra mibghuta mill-avukat taghha talbet li jkollha polza ta' assikurazzjoni fuq il-karozza taghha. Spjegatlu li kienet ghaddejja minn separazzjoni. Ix-xhud ighid li kien ghadda kopja tal-ittra lill-general manager u awtorizzah biex jipprocedi bil-polza ghar-rikorrenti.[37]

Fl-istess gimgha kien mar l-intimat biex jitkixxef min kien hareg l-polza in kwistjoni f'ismu. Ried jikkancellaha, pero' x-xhud jispjega li peress li kien hemm ittra mibghuta mill-avukat tar-rikorrenti setghu johorgu polza fuq ismu u li tkopri lir-rikorrenti. Fuq istruzzjonijiet tas-superjuri tieghu gie mitlub biex ma jaghmilx kancellazzjoni tal-polza. Meta sar jaf dan beda jhedded lix-xhud kif ukoll lis-superjuri tieghu u kien ghalhekk li kien cempel lill-pulizija mill-Ghassa tal-Belt.

Ix-xhud ighid li f'Lulju, 2011 kien dahal l-ufficju u kien sab lill-intimat u kellhom laqgha mal-manager. Kien talab ix-xhud jekk kemm-il darba r-rikorrenti kienet terga' tmur biex igedded il-polza x'kien bi hsiebu jaghmel. Ix-xhud irrispondih li jekk jigi awtorizzat mis-superjuri tieghu ma kienx hemm xejn x'izommu. L-intimat ma hax pjacir u beda jinsinwa li ghandu relazzjoni ma' martu r-rikorrenti.

Ighid li llum m'ghadux isewgi dan il-kaz pero' seta' jikkonferma li l-polza tkopri lir-rikorrenti biss. Ighid ukoll illi fiz-zmien imsemmi kien jahdem mal-Agenzija u mhux mal-Brokers. Is-superjuri tieghu fl-Agenzija kienet 19. B'referenza ghal meta l-intimat mar l-ufficcju f'Lulju, 2011 kien qed jirreferi ghall-ufficji ta' Hal Luqa, fejn is-superjur tieghu kien 20. Jikkonferma li l-polza bdiet fl-Agenzija, izda setghet tigi mgedda ghand il-broker.

Rat ix-xhieda ta' DC, bint il-partijiet, li tiddeskrivi lill-genituri taghha. Tiddeskrivi lill-ommha bhala persuna habrieka, onesta u ferrieha u fuq kollox l-akbar habiba taghha. Fuq missierha tghid li huwa persuna vjolenti, aggressiv, nervuz u giddieb, ghajjur u perfezzjonist.

---

[37] Ara Dok. NVX u Dok.NVX 2 a fol.

Tispjega illi kienet tghix f'ambjent fejn ommha batiet vjolenza domestika u kemm hi u ommha ghaddew minn trawma kerha. Tghid li meta kienet zghira missierha kien ighidilha biex min idejjaqha tigdilmlu widnejh u taqtaghhielu 'l barra.

Bint il-minuri tistqarr li kull darba li l-genituri kien ikollhom argument u kienet tidhol fin-nofs, missierha kien jibghatha fil-kamra taghha, jitfilha d-dawl u t-television u jgieghla toqghod fis-sodda u ma ticcaqlax. Dan kien gara meta missierha kien iffissa li qed jaqghalu xaghru u kien jippretendi li r-rikorrenti toqghod tghoddlu xaghru. Meta opponiet beda jtiha u jheddidha b'mannara.

Issemmi incident iehor fejn kienu qeghdin f'pompa tal-petrol u l-genituri kellhom x'ighidu. Tispjega kif missierha ghal darb'ohra rega' kien vjolenti m'ommha. Kien qabadha u tefaghha fuq is-seat ta' wara u beda jipprova jtiha daqqiet f'rasha. Tghid li hi bdiet tibki u tghajjat meta rat ragel ihares lejn il-karozza, izda missierha kien qabad u saq.

Ix-xhud issemmi incident iehor li gara peress li missierha kien iffissat fid-dar u l-ghamara u meta l-kelb taghhom tar-razza "Siberian Husky" kien giref il-hajt, kien ipprova jifgah. Meta r-rikorrenti ppruvat twaqqfu kellhom argument kbir u l-intimat kien telaq, izda mbaghad kien gie lura u binthom tghid li ratu jigri wara ommha b'zewg skieken. Tispjega li ppruvat twaqqfu ghax hasbet li kien ser joqtol lil ommha u beda minflok jigri warajha. Kien biss meta ommha ghamlet ta' bir-ruhha li kien laqghatha li waqaf u kien sakkarha fil-kamra. Tghid li dan l-argument kompla l-ghada u kien hawn li r-rikorrenti kienet qalet lix-xhud biex jippakkjaw u jmorru joqoghdu ghand ommha. Dan kien fis-26 ta' Awissu, 2006, gurnata qabel l-anniversarju tat-tieg taghhom.

Bint l-partijiet tghid li malli l-intimat sar jaf li qeghdin ghand in-nanniet, kien beda jmur jghajjtilhom minn wara l-bieb, kien anke jheddidhom u anke jibghatilhom theddid bl-sms. Kienu jirrapportaw lill-pulizija taz-Zejtun fuq dan it-theddid. Kien hemm gurnata minnhom fejn kien il-hin kollu jibghatilha messaggi biex ighidilha li qed jistenna quddiem id-dar ta' nannitha, izda tghid li hi u ommha kienu l-bahar u meta rritornaw kienu sabu hekk u beda jilghaqilha idha biex jikkonferma li kienu l-bahar.

Darba minnhom, waqt li ommha kienet ix-xoghol kien mar ghand nannitha biex jitlobha thallih johrogha. Kien pero' minflok hadha d-dar u beda jixrob l-alkohol u f'hin minnhom kien jidher

li se jitghallaq u tant bezghet li tghid cemplet lil ommha li marret gabritha u kienu hallew lill-intimat mitluq mal-art fil-gallerija ghax ghalihom kien qed jixxena ghall-attenzjoni.

Minhabba l-persekuzzjoni tal-intimat kienet anke biddlet l-iskola u minn St. Theresa Girls, Junior Lyceum, Mriehel, kienet marret l-iskola St. Thomas More Girls College u kienet anke ghamlet hekk ghax kienet tisthi minn shabha. Tghid li kienu avzaw lill-headmistress Ms. N li kien hemm ordni tal-Qorti li missierha ma setax jersaq lejha. Din tal-ahhar kienet segwit din l-ordni meta l-intimat kien mar l-iskola biex jipprova jaraha l-bintu. Meta Ms. N rrifjutat, kien qabad jheddidha, tant li kellha tibghat ghall-pulizija u kienet ordnat li l-gradi tal-iskola jibqghu maghluqin u ma hallitx la tfal u lanqas l-ghalliema jitilqu mill-iskola. Tghid li sakemm gew il-pulizija, l-intimat kien telaq.

Ix-xhud tghid li dawn il-problemi ghadhom sejrin sallum. Tghid li tippreferi ma titkellimx fuq missierha u kemm jista' jkun ma ssemmihx. Fil-fatt hekk kienet ghamlet mal-gharus taghha 9, izda kienet taf li xi darba jew ohra kien ser ikollha tghidlu. Tirrakkonta li kien hemm okkazzjoni fejn indunat li l-gharus taghha kien jidher inkwietat u rrizulta li l-intimat kien waqqaf lil hu l-gharus taghha biex jara fejn kien jinstab u qallu biex ighaddi messagg lil 9 li ried joqtlu.

Tistqarr li darba kienet ghaddejja mal-gharus taghha u indunat li kien hemm missierha jistennihom fil-karozza tieghu. Huma ppruvaw jaharbu, izda sabuh ma' wicchom u ried lix-xhud tmur hdejh hdejn il-karozza tieghu, izda ma riditx ghax ma kinitx tafdah. Tghid li resaq hdejha u beda jgholli lehnu u mbaghad beda jtiha, tant li mat-tielet daqqa kienet waqqghet. L-gharus taghha pprova jwaqqfu u kien hemm ragel iehor li hareg mill-karozza tieghu u ha l-intimat gewwa l-vettura tieghu. Tghid dakinhar hi, ommha, 9 u missieru marru jaghmlu rapport u l-intimat tressaq il-Qorti fejn instab hati mill-Qorti tal-Magistrati u nharget garanzija li ma jersaqx lejn bintu u l-gharus taghha 9.

Bint il-partijiet tghid li llum tghix m'ommha, mal-partner taghha P u t-tarbija taghhom O. Tghid li llum thossha aktar kuntenta u qatt ma giet affettwata mir-relazzjoni ta' bejn ommha u P.

Ix-xhud tghid li llum hija studenta l-MCAST u qed tattendi kors sal-2013 biex ighinha tkompli fil-karriera taghha. Sakemm ghadha studenta tghid li ommha tmantniha ghax thallas l-ispejjes tal-ikel, trattamenti ta' kura u sahha, hwejjeg, edukazzjoni, detergents u prodotti tax-xaghar,

kif ukoll il-kera ta' kull xahar, filwaqt li missierha l-intimat li joqghod fid-dar matrimonjali u gabhom f'dan l-istat ihallas biss Lm15 fil-gimgha bhala manteniment, li jithallas b'cekk peress li m'hemm l-ebda komunikazzjoni ma' missierha.

Tghid li llum skond ma qaltilha ommha, missierha ghandu relazzjoni ma' certu Q u fuq ix-xoghol jiftahar li ghandu nisa ohrajn. Madanakollu hi tghid li tevita ssemmi lill-missierha peress li tul hajjitha qatt ma tah kaz il-bzonnijiet taghha.

Rat ix-xhieda ta' P, li huwa l-partner tar-rikorrenti. Jikkonferma li sakemm ir-rikorrenti u l-intimat baqghu flimkien ma kellux ideja min kienet r-rikorrenti. Kien biss wara li r-rikorrenti telqet lill-intimat u telqet mid-dar matrimonjali, li bdew johorgu flimkien.

Ighid mill-informazzjoni li kienu tawh il-familjari u hbieb tar-rikorrenti, kien jaf li z-zwieg tal-partijiet kien vjolenti b'theddid kontinwu u abbuz verbal da parti tal-intimat lejn martu u binthom. Jikkonferma li r-rikorrenti u bintha kienu telqu mid-dar matrimonjali fis-26 ta' Awissu, 2006 u gurnata qabel kien heddidhom bis-skieken. Kien jorqod bis-sikkina taht l-imhadda *caso mai* martu u bintu ttentaw jaharbu. Fis-26 ta' Awissu, 2006, l-intimat kien hareg jara l-football u din kienet l-ahjar opportunita' biex jitilqu u hekk ghamlu.

Ix-xhud jispjega li kien gie Malta fit-18 ta' Settembru, 2006 mill-Inghilterra. Ighid li kien jiffrekwenta l-bar ta' Fabrizio Faniello (Famo-Tre) u kienu saru hbieb u kienu ukoll ghamlu xi xoghol flimkien. Kien f'wiehed minn dawn l-okkazzjonijiet li P iltaqa' mar-rikorrenti. Kienet qaltlu li kienet ghaddejja minn separazzjoni u li kienet hierga minn zwieg mimli vjolenza u abbuz u adulterju da parti tal-intimat.

Ix-xhud jispjega li r-rikorrenti u hu kienu bdew jiltaqghu u maz-zmien saru iktar *close*, pero' r-rikorrenti kienet tinkwieta ghax-xhud li da parti tieghu kien serrhilha mohha li ma kelliex ghalfejn tinkwieta ghalih ghax kien kapaci jiddefendi lilu nnifsu. Madanakollu kienu ftiehmu li ghal l-ewwel sitt xhur kienu ha jippruvaw izommu r-relazzjoni ta' bejniethom sigrieta.

P jispjega kif darba minnhom kien miftiehem li jiltaqa' mar-rikorrenti fil-bar Famo-Tre u meta waslet, ir-rikorrenti kienet tidher anzjusa u mbikkma. Irrizulta li zewgha kien mar quddiem id-dar fejn kienet qed tghix iz-Zejtun u qabitdu jnehhliha l-pjanci bin-numru ta' registrazzjoni tal-vettura li kienet qed tuza' l-attrici. Dak iz-zmien, l-intimat kellu vettura Hyundai bin-numru ta'

registrazzjoni LAE 946. Minhabba dan l-incident, il-partijiet spiccaw kellhom xi jghidu bil-kbir u l-intimat kien vjolenti fuq ir-rikorrenti.

Ix-xhud jistqarr li kien hemm incident iehor, meta l-intimata kienet marret izzuru fil-fond fejn kien joqghod f'Bugibba u kien cemplilha fuq il-mobile u beda jhedded lix-xhud u stiednu ghall-glied jew inkella kien hedded li jwegga' lir-rikorrenti. Ix-xhud ighid li ddecieda li jmur ghall-isfida u kellhom jiltaqghu fil-pjazza ta' Bugibba f'xi 3pm. Kien mar u stenna ghal xi nofs siegha, mbaghad telaq. Ighid li l-intimat kien sar jaf li l-familja tieghu kellhom business lokali u kien rah idur fl-inhawi ta' dan in-negozju u meta rah, waqqaf il-vettura u hareg oggett minn barra t-tieqa u ghalkemm ma kienx cert x'kien kien jidher qisu xi *handgun*. Kien imbaghad telaq minn dawn l-inhawi u kien mar fejn kien halla lil A fl-appartament tieghu. Kienet cemplitlu biex tavzah li kien hemm l-intimat jistenna hdejn l-appartament, izda malli ra x-xhud, l-intimat qabez fil-karozza u telaq.

Ix-xhud jispjega li tul is-sitt xhur baqghu jircievu hafna theddid mill-intimat. Kien hemm okkazzjoni fejn kienu rcevew telefonata fejn avzaw lil A li l-intimat kien qed inehhilha l-pjanci ta' registrazzjoni minn mal-karozza taghha Citroen C2 bin-numru ta' registrazzjoni SON 750 ghat-tieni darba. Jispjega kif kienu nizlu ghalih u beda jkellimhom hazin. Dakinhar kien akkumpanjat minn ragel li jiddeskrivih bhala gorilla. Kien ghalhekk li kellhom jaghmlu rapport. Ighid li minkejja li l-intimat ma kienx mar aktar hdejn l-appartament tieghu, kien kontinwament jibghat sms u jcempel lill-intimata, sahanistra darba baghtilha mitejn messagg.

P jerga' jikkonferma ukoll l-incident li sehh waqt li r-rikorrenti kienet qieghda l-isptar tistenna biex twelled lit-tarbija taghhom O , tant li kellhom is-sorveljanza tal-pulizija ghaz-zmien kollu li damet l-isptar.

Ighid ukoll li kull darba li l-partijiet kellhom il-Qorti, kien jakkumpanja lir-rikorrenti minhabba li kienet tkun imbezza'. L-intimat ma kienx ikun kuntent u darba minnhom kien ipprova jaghti lix-xhud daqqa ta' ponn, tant li biex hu u r-rikorrenti telqu mill-Qorti kellhom jigu skortati mill-pulizija.

Ix-xhud jispjega illi f'Lulju, 2010 beda jahdem mat-Trelleborg Sealing Solutions Ltd. fejn kien jahdem l-intimat ukoll. Dan tal-ahhar beda jheddu u kien hemm okkazzjoni meta kien ghadu kemm xtara karozza gdid Vauxhall Tigra u l-ewwel darba li mar biha x-xoghol kien sab l-erba'

roti catti mal-art u sar jaf li l-intimat kien beda jiftahar li kien ghamel dan u li l-pass li jmiss kien li jahraqlu l-karozza. Minkejja li kien ghamel diversi rapporti mal-Human Resources Manager X baqa' ma sar xejn. L-istess gara meta rrapporta li l-intimat kien segwih bil-karozza u pprova jidhol go fih.

Fil-15 ta' Lulju, 2010 ix-xhud ikkonferma l-incident li sehh bejn l-intimat, bintu D u l-gharus taghha 9 fejn kien habat ghalihom. Dak iz-zmien kien ghad ghandhom sittax-il sena.

Sa Dicembru baqa' jkollu hafna incidenti ohra mal-intimat u meta kienu jkunu n-night shifts kien kontinwament jittikah, izda x-xhud jammetti li minkejja li ma kienx jirrispondi bil-vjolenza, kien ighaddi xi kumment u fl-ahhar spicca li tterminawlu l-impjieg bla ma jaf ir-raguni.

Ix-xhud ikkonferma ukoll l-incidenti fejn inharqet il-vettura tal-intimat Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni LAE 946 u meta r-rikorrenti sabet il-vettura taghha mimlija acidu.

Rat ix-xhieda ta' WPC 99, 10 li esebit erba' rapporti.[38]

Rat ix-xhieda ta' 11 in rapprezentanza ta' Banif Bank, 12 in rapprezentanza ta' Lombard Bank u 13 in rapprezentanza ta' APS Bank li lkoll kkonfermaw li mir-ricerki li ghamlu ma kinux rrizultaw kontijiet maghhom, fl-isem il-partijiet.

Rat ix-xhieda ta' 14 in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. li pprezentat update mis-sena 2012 sallum u esebit erba' dokumenti li huma s-segwenti:-

(i) DOK.JBB 1 – saving account[39]
(ii) DOK.JBB 2 – savings account[40]
(iii) DOK.JBB 3 – current account [41]

---

[38] Ara Dok.JP1 sa JP4 a fol.1326-1336
[39] Ara fol.1162 tal-process

[40] Ara fol. 1164 tal-process

[41] Ara fol.1169 tal-process

(iv) DOK.JBB 4 – credit card[42]

Tghid li dawn il-kontijiet huma kollha miftuhin.

Rat ix-xhieda tal-intimat li jghid li ltaqa' mar-rikorrenti f'Gunju, 1992, meta t-tnejn li huma kienu jahdmu mad-Dowty. Wara li kienu ilhom xi sena johorgu flimkien, ir-rikorrenti kienet harget tqila u kienu zzewwgu wara li twieldet binthom D. Ighid li mbaghad kienu ddecidew li jixtru post ghall-prezz ta' Lm12,000 u fil-fatt kienu hadu loan mal-Lohombus.

**Responsabbilita' ghat-Tifrik taz-Zwieg**

L-intimat jinsisti li r-rikorrenti kellha relazzjoni ma' certu 15. Ighid li r-rikorrenti kienet trid tmur ta' spissa Angelo's Pub f'Bugibba peress li kienet tghid li l-habiba taghha 16 kienet thobb tiffrekwenta dan il-post, izda jammetti li qatt ma raha. 15 u t-tfajla tieghu 17 kienu jahdmu maghhom. Ighid li mbaghad sar jaf li r-rikorrenti u 15 kellhom relazzjoni bejniethom u kellu l-provi peress li 15 kien qabbad li certu 18 biex jiehu filmat taghhom waqt li kellhom x'jaqsmu sesswalment. 15 mbaghad beda jiftahar li gibdilha film, halla l-filmat fil-locker tax-xoghol u serquh u spicca ghall-kiri fil-hanut tal-videos.

Ix-xhud ikompli jghid li meta r-rikorrenti kienet indunat li kien sar jaf, kienet ippakkjat u telqet mid-dar. L-intimat ighid li kien gie nfurmat li r-rikorrenti kellha relazzjoni ma' certu P u li kienet qed tistenna tarbija minghandu.

**Manteniment**

L-intimat jippreciza illi dwar manteniment ma kienx dovut lejn martu peress li kienet tahdem u peress li kienet marret ma' diversi irgiel, jitlob li ma jigix ordnat li jhalla l-ammont ta' manteniment. Dwar it-tifla jghid li din llum ghandha 23 sena.

[42] Ara fol.1208 tal-process

**Komunjoni**

Jispjega illi ghal dawn l-ahhar hdax-il sena kien hallas ic-cens fuq id-dar matrimonjali wahdu fl-ammont ta' disa' liri Maltin (Lm9) kull sitt xhur.

Ighid li hemm ukoll vettura Citroen C2 li tintuza mir-rikorrenti u ghalkemm il-licenzja tghajjat lilu, tinstaq mir-rikorrenti. Ighid li anke l-assikurazzjoni tinstab fuq ismu

Dwar id-dar matrimonjali ighid li r-rikorrenti hadet eluf ta' Euros f'oggetti, fosthom appliances u affarijiet ohra tad-dar. Ikompli jghid li ghandhom id-dar u cioe' 21/1, Triq l-Gharghar, Qormi u dwar il-valur taghha hemm rapport tal-perit tekniku mahtur mill-Qorti.

**Ikkunsidrat**

**<u>RESPONSABBILITA' TAL-FIRDA</u>**

1. **<u>Dwar Sevizzi, Eccessi, Minacci, Mohqrija u Ingurji gravi</u>**

Dina l-kawza infethet bhala kawza ta' separazzjoni, imbaghad giet konvertita ghal wahda ta' divorzju b'sentenza tas-26 ta'April, 2013 u tat-22 ta' Novembru, 2013.

Id-disposizzjoni Artiklu 66 D (3) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula hekk:-

***"Fejn il-mizzewwgin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna mizzewwga li tkun qed taghmel it-talba ghad-divorzju, flimkien mal-istess talba, tista' tressaq it-talbiet kollha illi huma mahsuba illi jistghu jsiru f'kawza ta'separazzjoni skond is-Sub-Titolu III ta'dan it-Titolu. Il-Qorti ghandha tisma' u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif mahsub fid-disposizzjonijiet imsemmija mutatis mutandis. Il-parti l-ohra tista' tressaq b'zieda ghall-eccezzjonijiet imsemmija fl-ahhar subartikolu, l-eccezzjonijiet kollha illi dik il-parti setghet tressaq f'kawza ta' separazzjoni."***

Ghalhekk, dina l-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula:
"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

L-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta isemmi l-**moħqrija**, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi għas-sevizzi bħala bażi għas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud,** deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"**Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".***

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta'dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Ir-rikorrenti ghamlet ukoll referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun

sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

Mill-provi prodotti mir-rikorrenti jirrizulta li kien hemm diversi incidenti fejn giet assoggettata ghal hafna vjolenza u theddid. Fl-gherusija, li kienet wahda qasira, diga' kien jidher li l-intimat kien persuna ghajjura u possessiva, tant li r-rikorrenti kellha tirrifjuta promozzjoni, peress li l-intimat ma kienx ha grazzja mal-manager taghha. Minn wara z-zwieg kien hemm l-ewwel incident li nserta kien il-Milied, meta wara li kellhom xi jghidu, l-intimat kien ipprova jifgaha u jdahhliha subghajha fil-plakka tal-elettriku.

L-incidenti li gabet provi fuqhom ir-rikorrenti huma bosta. Kollha jirriflettu theddid u vjolenza. Kien jigri warajha u t-tifla u jheddihom bl-iskieken, tant li r-rikorrenti tghid li kien jorqod bihom taht l-imhadda. Il-hajja matrimonjali kienet wahda difficli u ta' torment ghar-rikorrenti u bintha D, li sabu hafna sapport mill-genituri taghha, imma anke dawn kienu jibzghu mit-theddid kontinwu tal-intimat u kienu kemm il-darba ppruvaw jsolvu l-affarijiet bil-kelma t-tajba u wara li jkunu kkalmaw is-sitwazzjoni, ir-rikorrenti kienet tirritorna lura mal-intimat. Minhabba l-esperjenza qarsa li kienu ghaddew minnha, il-genituri tar-rikorrenti m'accettawhiex it-tieni darba li talbtihom tmur toqghod ghandhom u kienet marret ghand nannitha. Hawn ukoll l-intimat kien imur wara il-bieb ta'nannitha u jheddidha u sahansitra kien faqaghlha l-bieb ta' barra.

Ir-rikorrenti tpingi stampa fejn il-vjolenza tidher li kienet persistenti u kontinwa u ma setghet ssib rifugju u wens imkien. Kienet sabet ghajnuna f'Dun I li kien irrangalha li tmur tghix Dar Merhba Bik. Izda hemm ukoll kien inqala' l-inkwiet ghax kien irnexxielu jidhol hemm u ihebb ghar-rikorrenti. Kull darba kien jehtieg l-intervent tal-pulizija kif jirrizulta mir-rapporti li saru fuq dawn l-incidenti. Hemm diversi rapporti li saru mir-rikorrenti in konferma ta' dan minn Dokument PUL sa PUL 14.[43]

Incidenti li wasslu ghall-qofol tal-vjolenza huwa meta l-intimat ried lir-rikorrenti biex tixhed falz fuq kaz li kellu l-Qorti fejn allegatament kien hedded lil terza persuna b'mannara. Hi kienet irrifjutat u kien hebb ghaliha u l-istess kien ghamel meta kienet irreagixxiet biex twaqqfu mill-jifga l-kelb "Siberian Husky" li kellhom wara li kien giref

---

[43] Ara fol. 212 tal-process.

il-hajt. Dakinhar it-tifla D stess tghid li kienet terrorizata peress li missierha kien telaq mid-dar u malli kien jirritorna kienet qed tistenna l-aghar. Fil-fatt hi xehdet hekk:-

***"Dakinhar jiena ma stajtx norqod ghax kont qed nistenna x'inhu gej. Smajt lil ommi u lil missieri jargumentaw u hekk kif hrigt mill-kamra indunajt li missieri kien qieghed jigri wara ommi b'zewgt iskieken. X'hin rajt hekk jiena bdejt nipprova naqbez ghal ommi, biex missieri jieqaf. Missieri waqaf, izda minflok gie jigri warajja bl-iskieken f'idejh. Ommi bdiet tigri wara missieri tipprova twaqqfu minhabba li bezghet li missieri ser joqtolni. Ommi ghamlet ta' bir-ruhha li missieri laqghatha, izda dan kien biex tigbed l-attenzjoni ta' missieri."*[44]**

Dan l-incident kien il-quccata li wasslet lir-rikorrenti biex hi u bintha biex jitilqu ghal kollox mid-dar matrimonjali ghax ma felhitx aktar. B'danakollu, mill-provi migjuba quddiem dina l-Qorti, ir-rikorrenti ma sabitx serhan lanqas wara li telqet, ghax sakemm welldet it-tarbija li kellha minghand P, spiccaw kellhom jintervjenu l-pulizija u baqghet bis-security maghha u l-istess ghall-minuri D ghax kellha tigi skortata l-iskola bil-pulizija.

Ta' min ighid ukoll li l-intimat ghandu fedina penali mimlija b'hafna incidenti kwazi kollha marbuta ma' vjolenza domestika fuq ir-rikorrenti, kif ukoll il-familjari taghha.[45]

Il-karattru aggressiv tal-intimat jispikka anke ma' nies barranin, hedded lill-impjegati ta' Dar Merhba Bik, hedded lill-impjegati tal-Agenzija Appogg, kif ukoll hedded lill-Headmistress tal-iskola li kienet tattendi bint il-partijiet, kif ukoll lil 8, rapprezentant ta' Thomas Smith Insurance Limited.

Jirrizulta ukoll mill-provi li kien hemm zmien meta l-intimat gie rikoverat Mount Carmel u kien ukoll taht kura psikjatrika ta' diversi psikjatri, fosthom Dr. 4 li kien isegwi lill-intimat ghal certu perjodu, izda peress li ma sab ebda kooperazzjoni minghandu ma setax jikkonkludi rapport fuqu. Madanakollu, ighid li kien jara lill-imputat *depressed*, pero' aktar minn hekk, l-aktar haga li kienet tinkwietah kienet l-impulsivita' tal-intimat, li

[44] Ara fol.598 tal-process.
[45] Ara fol. 279 tal-process.

jassumi li kienet ilha hemm ghal zmien twil. Fix-xhieda tieghu quddiem dak iz-zmien il-Magistrata Dr. Jacqueline Padovani Grima, li llum giet elevata ghall-karigu ta' imhallef, jametti li l-intimat seta' jirrapprezenta periklu ghall-familja tieghu stess.[46]

Fil-kontro-talba tieghu l-intimat ukoll jakkuza r-rikorrent talli z-zwieg tkisser b'tort unikament taghha minhabba sevizzi, eccessi, vjolenza morali u verbali, minacci, ingurji gravi kif ukoll adulterju flagranti.

Rigward l-adulterju, dan l-aggravju se jigi kkunsidrat ghalih wahdu iktar 'l isfel. Pero' rigwardanti l-aggravji l-ohra, l-intimat ma pprezenta ebda prova konkreta kontra r-rikorrenti, anzi l-provi huma fjakki ghal kollox. Tenut kont tal-ammont konsiderevoli ta' xhieda li pproduciet ir-rikorrenti, tenut kont tal-ammont tad-dokumenti biex jikkorroboraw dawn il-provi, fuq bazi ta' probabilita' l-verzjoni tar-rikorrenti hija dik l-aktar wahda verosimili u kredibbli.

**<u>ADULTERJU</u>**

Illi kemm ir-rikorrenti, kif ukoll l-intimat fil-kontro-talba tieghu akkuzaw lil xulxin ta' adulterju. Ir-rikorrenti tghid li tul iz-zwieg kien wera' infedelta' ma' xi nisa ohra u dan tafu ghaliex kienu qalulha shaba tax-xoghol li huma kollha nies affidabbli, izda safrattant hadd minnhom ma kien dispost jixhed.

L-intimat ihoss li r-rikorrenti hija unikament responsabbli ghall-firda taghhom u dan peress li rrendiet ruhha hatja ta' adulterju. Iz-zwieg igib mieghu, minn fost obbligi ohra, dik tal-fedelta', obbligu li jibqa' ezistenti anke jekk koppja tasal biex tissepara. Ghalhekk huwa bla dubju l-aktar kawza gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza separazzjoni.

lli fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

---

[46] Ara fol.100 tal-process.

*"… l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet **"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe".** (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".* **("Rosina Micallef vs Angelo Micallef"** *Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".*

Kemm ir-rikorrenti, kif ukoll l-intimat ma gabu ebda provi li jistghu jikkonvincu lill-Qorti li l-intimat jew ir-rikorrenti rrendew ruhhom hatja ta' adulterju. Huwa minnu li fil-mori tal-proceduri r-rikorrenti bdiet relazzjoni ma' P u anke kellhom tarbija, pero'm'hemm xejn konkret li jwassal dina l-Qorti biex tiddeciedi li r-rikorrenti kkommettiet adulterju. Il-provi u l-indizi kollha juru direzzjoni wahda u cioe' li r-relazzjoni ma' P bdiet wara li telqet lill-intimat *de facto*. Fil-fatt, ir-rikorrenti tghid li kien xi sitt xhur wara li telqet mid-dar konjugali bit-tifla u cioe' ghall-habta ta' Frar, 2007. Ir-rikorrenti stess tghid li habiba taghha x-xoghol kienet inkorragitha biex tohrog halli tibda dderri u kien hawn li kienet iltaqghet mieghu.

L-intimat ukoll isemmi li r-rikorrenti kienet bdiet relazzjoni intimi ma' certu 15 u kienet ko-partecipi f'film pornografiku li spicca xxerred madwar Malta. Minkejja li l-intimat ighid li r-rikorrenti kienet ammettiet dawn il-fatti kollha meta ttellghet tixhed in subizzjoni, minn ezami akkurat tal-provi migbura u mill-atti tal-process, ma jirrizultax li f'xi hin jew minnhom, itellghet tixhed ir-rikorrenti in kontro-ezami. Ghalhekk ghal darb'ohra l-provi mibjuga mill-intimat huma fjakki u mhux kredibbli, tant li r-rikorrenti m'ghandha l-ebda tort ghal din is-separazzjoni gia' divorzju.

**<u>KURA U KUSTODJA</u>**

Minn meta nfethet il-kawza ghadda hafna zmien, tant li llum bint il-partijiet, DC, hija maggorenni u ghalhekk il-mertu tal-kura u kustodja giet sorvolata u l-istess rikorrenti kienet

talbet li din l-istess talba tigi rtirata f'rikors datat 15 ta' Frar, 2013. Il-Qorti tirrileva illi l-intimat m'opponix ghal tali talba, izda mill-atti tal-process ma jirrizultax li dina l-Qorti kienet tat digriet, minkejja li accenat li kien bi hsiebha taghmel hekk fl-udjenza li kien imiss.[47] Jirrizulta pero' li l-istess intimat fir-risposta tieghu ghar-rikors tal-15 ta' Frar, 2013, m'opponix ghal tali talba u ghalhekk is-sitt u s-seba' talba fil-kontro-talba tieghu gew sorvolati ukoll.

## MANTENIMENT

A skans ta' repetizzjoni fl-istess rikors tal-15 ta' Frar, 2013 imsemmija aktar 'l fuq, ir-rikorrenti talbet li tirtira ukoll it-tielet talba peress li llum binthom D, waqqfghet tistudja f'livell terzjarju. Effettivament, b'digriet taghha tal-21 ta'Gunju, 2013, il-Qorti waqqfghet l-obbligu ta' manteniment ghall-istess tifla.

Fil-kontro-talba tieghu, l-intimat talab li r-rikorrenti tigi ordnata thallsu manteniment. L-artikolu 3 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla illi:-

***"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu hekk jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."***

Mill-provi migjuba quddiemha jirrizulta li l-partijiet it-tnejn ghandhom impjieg fiss u jahdmu u ironikament jahdmu fl-istess post u ghalhekk huma rispettivament finanzjarjament indipendenti. Ma treggix ghalhekk it-talba tal-intimat li jitlob li jigi ssomministrat alimenti u dan aktar u aktar meta hu stess lanqas gab xi provi li huwa qieghed jew li jaqla' anqas paga mir-rikorrenti.

## KOMUNJONI TAL-AKKWISTI

Illi mill-provi prodotti jidher illi l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti fis-segwenti:-

---

[47] Ara digriet a fol. 1085 tal-process.

(i) Id-dar matrimonjali 21/1, Triq l-Gharghar 1979, Qormi;

(ii) Kontijiet bankarji;

(iii) Vettura tal-marka Citroen C2 bin-numru ta' registrazzjoni SON 750

**Id-dar matrimonjali**

Pendente lite, l-intimat baqa' jghix fid-dar matrimonjali u r-rikorrenti kienet telqet ma' bintha minhabba l-vjolenza li kienet assoggettata ghaliha. Nel frattemp ir-rikorrenti kellha tikri post u kienet qed thallas €395 kull xahar u €45 ghad-dawl u ilma. Kienet kriet il-post mill-21 ta' Jannar, 2008 ghal sena, izda mbaghad baqghet dejjem tikrih.

L-intimat da parti tieghu baqa' jghix komdu fid-dar matrimonjali u r-rikorrenti tilmenta li kienet haga ngusta li l-intimat kien gieli dahhal nisa ohra hemmhekk u gieli raqdu hemm ukoll minghajr il-kunsens taghha. Kien anke gie ordnat li jrodd lura kopja tac-cwievet tad-dar matrimonjali mill-Onor. Imhallef Joseph Azzopardi, l-ewwel darba kienet fit-23 ta' Jannar, 2009, pero' ghadha minghajrha sallum il-gurnata, ghax l-intimat jinsisti li r-rikorrenti kienet dahlet ghandu u serqitu.

Madanakollu gie nominat il-Perit Mario Cassar mill-Qorti sabiex jaghmel valutazzjoni tad-dar konjugali u fir-rapport tieghu kkonferma li d-dar tiswa' €138,000 (€125,000 ghad-dar u €8000 ghall-ghamara u l-oggetti li hemm fil-fond u l-partijiet kienu qablu ma' din l-istima rispettivament.

Ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni sabiex tinbiegh id-dar ghall-prezz indikat u ghalhekk ikun opportun li jsir hekk fl-interess tal-partijiet.

**Kreditu Parafernali tar-rikorrenti**

Ir-rikorrenti spjegat illi meta xtraw id-dar flimkien qabel iz-zwieg b'kuntratt datat 9 ta' Lulju, 1994 fl-atti tan-Nutar Dr. Carmel Mangion kienet hallset is-somma ta' Lm5,900 (ekwivalenti ghal €13,747) mid-depozitu li kellu jithallas lil Lohombus Corporation Limited u l-intimat

kien hallas Lm100 (ekwivalenti ghal €233). Ir-rikorrenti qed tippretendi li jkun hemm prelevament favuriha mill-prezz tal-bejgh tal-fond.

Gie kkonfermat ukoll minn Z u kien ikkonferma li Dokument BOV 9 minnu pprezentat kien juri li r-rikorrenti kellha term deposit li naghlaq fil-5 ta' Marzu, 1994 bl-ammont ta' Lm5,865.25 (ekwivalenti ghal €13,666) flimkien ma' kont iehor fejn ittiehdu Lm35.05 (ekwivalenti ghal €81.66), liema ammonti thallsu lil Lohombus Corporation.[48]

Din hija provi cara li r-rikorrenti ghandha kreditu parafernali taghha fuq l-istess fond u fl-istess waqt, dan l-istess kreditu qatt ma gie kkontestat mill-intimat. Tenut kont tal-fatt li dina l-Onorabbli Qorti ddecidiet li d-dar matrimonjali ghandha tinbiegh, l-istess prelevament favur ir-rikorrenti ghandha titnaqqas mis-sehem tal-intimat mill-bejgh tal-fond matrimonjali.

Tenut kont ukoll li r-rikorrenti u bintu ma kellhomx ghazla, izda li jitilqu mid-dar matrimonjali u kellhom jikru post u l-Qorti tifhem dan ukoll minhabba li l-ghixjien mal-genituri taghha kien johloq hafna problemi minhabba l-agir tal-intimat, spiccat wehlet kera ta' kull xahar, li sas-sena 2013 kienet hallset €24,490. Il-Qorti tifhem li r-rikorrenti ghamlet din l-ghazla u ma tippretendix li tithallas ghaliha, madanakollu xorta wahda kien hemm binthom tghix maghhom u tenut kont tal-ammont ta' manteniment minimu li kienet tircievi minghand l-intimat, kienet tkun haga gusta li kieku l-intimat ikkontribwixxa ghall-parti tal-kera.

Ghalhekk, din il-Qorti thoss li tkun haga gusta li terz mill-ammont ta' kera u cioe' €8,163 kkalkolat fuq perjodu bejn is-sena 2008 u 2013, tigi rifuza lir-rikorrenti u ghandha tinqata' minn sehem l-intimat mill-bejgh tal-fond matrimonjali.

L-intimat qed jitlob ghar-rifuzjoni tac-cens li baqa' jhallas ghal dawn l-ahhar hdax-il sena. Kien ihallas Lm9 kull sitt xhur u ghalhekk b'kollox jirrizulta li hallas €461.20. Pero' konsiderando li qatt ma ghen lir-rikorrenti finanzjarjament u baqa' jghix u jgawdi l-kumdita' ta' daru, din it-talba mhix wahda gustifikabbli.

[48] Ara ukoll Dok.SA1 a fol.1128 tal-process

**Kontijiet bankarji**

Jirrizulta mill-provi li l-partijiet mhux qed jikkontestaw li kulhadd ghandu jzomm il-kontijiet tieghu personalment.

Diversi rapprezentanti tal-banek lokali gabu l-provi taghhom dwar il-kontijieti bankarji tal-partijiet li huwa divizi.

Mill-provi jirrizulta li l-kontijiet bankarji tal-partijiet huma kollha mal-Bank of Valletta plc. Jirrizulta li b'kollox kien hemm ghaxar kontijiet li huma s-segwenti:-

i) Dok. BOV 1 – savings account 11513385010 f'isem l-intimat u ghadu attiv
ii) Dok.BOV 2 – A/C D Savings Account bin-numru 10216538013 li naghlaq fit-23 ta' Gunju, 2006;
iii) Dok.BOV 3 – Savings Account bin-numru 12102825016 li ghadu attiv. Dan il-kont infetah fil-5 ta' Awissu, 1991;
iv) Dok.BOV 4 – Savings Account bin-numru 12102825045 li naghlaq fil-11 ta' Gunju, 2001;
v) Dok.BOV 5 – Teen Saver Account A/C D bin-numru 40015218447 li naghlaq fis-17 ta' Lulju, 2009;
vi) DOK. BOV 6 – current account bin-numru 40015519672 li ghadu attiv;
vii) DOK. BOV 7 – savings account A/C D bin-numru 40018316665 li ghadu attiv;
viii) DOK. BOV 8 – credit card BOV Visa Classic card bin-numru 4552401323447015 li fih zbilanc ta' €1503.20 sal-15 ta' Lulju, 2012. Ighid li seta' jgib statements biss mis-sena 2010.
ix) HSBC Savings account numru 054108543050 li kellu numru 544255746 li nfetah fit-22 ta' Jannar, 2001 u ghadu attiv[49];
x) HSBC Loan Account numru 054109137300 li nfetah fid-19 ta' Frar, 2001 u naghlaq fl-20 ta' Awissu, 2005[50];

---

[49] Ara Dok. HSBC 1 a fol.381 tal-process.
[50] Ara Dok.HSBC 2 a fol.453 tal-process.

xi) HSBC Visa card numru 4568823184447978 li nfetah fl-4 ta’ April, 2008 u ghadu attiv[51];

(xi) F’isem l-intimat Dok. JB 1 – savings account Resident FC numru 40020243302 li nfetah fl-2011;[52]

(xii) Dok JB 2 – savings account Named numru 40020560522 li nfetah fl-2012 f’isem l-intimat;[53]

(xiii) DOK.JBB 1 – saving account[54]

(xiv) DOK.JBB 2 – savings account[55]

(xv) DOK.JBB 3 – current account [56]

(xvi) DOK.JBB 4 – credit card[57]

Tghid li dawn il-kontijiet huma kollha miftuhin.

**<u>Vettura Citroen C2</u>**

Rigward din il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni SON 750, jirrizulta li din inxtart fiz-zwieg u wara li telqet mid-dar baqghet thallasha u b’kollox hallset l-ammont ta’ (€8,369.19) u qed tippretendi li dan l-ammont jithallas lura. Ir-rikorrenti tat spjegazzjoni ta’ kif wasslet ghal dan l-ammont kif jirrizulta mid-Dokument SA1.[58]

Tenut kont tal-fatt li l-partijiet kellhom karozza ohra li kienet Hyundai, appartenenti l-komunjoni u r-rikorrenti, fix-xhieda taghha semmiet incident fejn l-intimat kien waddab il-Hyundai f’ghalqa u eventwalment inharqet. Ir-rikorrenti kellha sehemha minn din il-vettura ukoll u hija konvinta li kollox sar b’idejn l-intimat bhala vendikazzjoni.

---

51 Ara Dok. HSBC 3 a fol.463 tal-process.
52 Ara fol.138 tal-process.
53 Ara fol.179 tal-process.
54 Ara fol.1162 tal-process

55 Ara fol. 1164 tal-process

56 Ara fol.1169 tal-process

57 Ara fol.1208 tal-process
58 Ara fol.1128 tal-process.

Wiehed jifhem li l-intimat jaghmel premessa li jekk il-vettura Citroen C2 bin-numru ta' registrazzjoni SON 750, li qiedgha f'ismu tigi assenjata lill-intimata, tidhol responsabbli ghal diversi spejjes relatati mac-citazzjonijiet, pero' li mhux gustifikabbli huwa l-fatt li fuq bazi ta' probabbilita' l-intimat ivvendika ruhu mill-vettura Hyundai u issa jippretendi li jiehu sehemhu mill-vettura Citroen C2, meta kienet l-istess rikorrenti li stinkat sabiex tkompli thallas il-bilanc li kien ghadu dovut. In vista ta' dan ikun opportun li l-vettura Citroen C2 SON 750 tigi assenjata lir-rikorrenti u l-intimat ghandu jhallas lura nofs l-ammont imhallsa mir-rikorrenti fil-mori tal-proceduri u cioe' s-somma ta' €4,184.5, pero' tibqa' responsabbli ghal kwalsiasi pendenzi li jezistu fuq l-istess vettura.

**<u>Dwar it-talba għall-pronunzjament tad-divorzju</u>**

Rigward it-talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-liġi, permezz tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, tagħti l-fakolta` lil kull parti f'kawża ta' separazzjoni, li f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Kif intqal, il-Qorti diġa laqgħet it-talba tar-rikorrenti għall-konverżjoni tal-azzjoni odjerna tas-separazzjoni f'divorzju. Jonqos għalhekk illi l-Qorti tevalwa jekk it-talba għax-xoljiment taż-żwieġ ossija d-divorzju, għandhiex tiġi akkolta.

Biex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-Qorti trid tkun sodisfatta li:

(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u

(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57. [59]

---

[59] Ir-rekwiziti taht l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili

Dina l-Qorti laqghet it-talba sabiex it-talba ghas-separazzjoni tinbidel ghal wahda ta' divorzju b'sentenza taghha tas-26 ta' April, 2013, kif ukoll b'sentenza tat-22 ta' Novembru, 2013.[60] Il-partijiet ilhom ma jgħixux flimkien minn qabel ma ġiet intavolata l-kawża odjerna ghax fis-26 ta' Awissu, 2006, ir-rikorrenti kienet telqet mid-dar konjugali flimkien ma' bintha. Fil-15 ta' April, 2008 kienet fethet il-kawza. Fil-mori tal-proċeduri, huma qatt ma reġgħu irrikonċiljaw u baqgħu jgħixu separatament sal-preżenti. M'hemmx dubju li l-partijiet jgħixu ħajja indipendenti minn xulxin. It-talba għad-divorzju ġiet intavolata fid-9 ta' Jannar, 2013.

Għaldaqstant, il-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B, ġja ċċitat, għall-ksib tad-divorzju u dana stante illi, oltre li l-partijiet ilhom *de facto* separati għal iktar minn ħames snin, m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni tagħhom u m'hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment kif diga' gie elaborat qabel.

Ghandu jinghad ukoll illi z-zwieg bejn il-partijiet kien gie ukoll annullat mit-Tribunal Metropolitan tal-Arcidjocesi ta' Malta, kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 2014.[61]

Fl-istess rikors ghall-hall taz-zwieg, ir-rikorrenti ghamlet talba *ad hoc* biex tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe' "E" u bil-qbil bejn il-partijiet, il-Qorti awtorizzat iz-zieda ta' dina t-talba b'digriet taghha tat-22 ta' Novembru, 2013.[62]

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u l-ewwel talba rikonvenzjonali tal-intimat u tiddikjara u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet, izda bi ħtijiet imputabbli unikament lill-intimat li rrenda ruhu hati ta' sevizzi, eccessi, minacci, mohqrija u ngurji gravi;
2. It-tieni talba giet irtirata stante illi llum bint il-partijiet hija maggorenni;

[60] Ara fol. 1058 u 1087 tal-process.
[61] Ara fol.1125 tal-process.
[6262] Ara fol.1071 tal-process.

3. It-tielet talba giet irtirata ukoll stante illi llum bint il-partijiet m'ghadhiex tistudja;
4. Tichad ir-raba' talba;
5. Tilqa' l-hames talba u tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48,51 u 53 tal-Kodici Civili in toto;
6. Tilqa' s-sitt talba, tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti u tillikwidaha fis-segwenti mod:-

   (a) Id-dar matrimonjali 21/1, Triq l-Gharghar,1979, Qormi ghandha tinbiegh fis-suq miftuh bi prezz mhux inqas minn dak stabbilit mill-Perit nominat bir-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet, wara li titnaqqas is-somma ta' Lm5900 (ekwivalenti ghal €13,747) minn sehem l-intimat bhala kreditu parafernali tar-rikorrenti u minn l-istess sehem ghandha titnaqqas ukoll is-somma ta' terz mill-ammont ta' kera mhallsa mir-rikorrenti bejn il-perjodu 2008 u 2013 u cioe' €8,163;

   Il-Qorti qiegħda tinnomina lin-Nutar Dottor Ian Spiteri  sabiex jippubblika l-att relattiv u lill-Avukat Dr. Victor Bugeja u l-Prokuratur legali Melissa Anastasi sabiex jidher fuq l-istess att fl-eventwali kontumaċja tal-konvenut. Illi jekk il-post ma jinbiegħx fis-suq miftuħ fi żmien tmintax-il xahar mill-preżenti, kull parti tkun tista' titlob li-bejgħ tiegħu b'liċitazzjoni;

   (b) Il-kontijiet bankarji msemmija aktar 'l fuq ghandhom jinzammu mill-partijiet rispettivament skond lil min jghajjtu;

Il-vettura Citroen C2 bin-numru ta' registrazzjoni SON 750 ghandha tigi assenjata lir-rikorrenti u l-intimat ghandu jirrifondi lura s-somma ta' ta' €4,184.5 lir-rikorrenti, pero' l-istess rikorrenti tibqa' responsabbli ghal kwalsiasi pendenzi li jezistu fuq l-istess vettura.

(c ) Tinnomina  lil Dr. Victor Bugeja u PL Melissa Anastasi sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumacja tal-intimat fuq l-att tal-qasma u assenjazzjoni;

7. Tastjenu milli tiehu aktar konjizzjoni ta' din it-talba stante li ordnat li d-dar matrimonjali tinbiegh.

8. Tichad it-tieni talba rikonvenzjonali;

9. Tichad it-tielet talba rikonvenzjonali;

10. Dwar ir-raba' u l-hames talba rikonvenzjonali dawn gew decizi fit-talba tar-rikorrenti;

11. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tas-sitt u s-seba talba rikonvenzjonali stante illi llum bint il-partijiet hija maggorenni;

12. Tichad it-tmien talba rikonvenzjonali.

13. Tordna li r-rikorrenti tigi awtorizzata tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe "E."

L-ispejjes kollha ghandhom jigu ssopportati mill-intimat.

**Onor. Imhallef Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**